Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2023/0323(COD)

18.12.2023

EMENDI
26 - 223

Abbozz ta' rapport
Róża Thun und Hohenstein
(PE756.002v01-00)

Il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali

Proposta għal regolament
(COM(2023)0533 – C9-0338/2023 – 2023/0323(COD))

Emenda 26
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Ħafna mill-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-operaturi ekonomiċi jew bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi jsiru aktar tard minn meta miftiehem fil-kuntratt jew minn meta stipulat fil-kundizzjonijiet kummerċjali ġenerali jew fil-liġi.	(2) Ħafna mill-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-operaturi ekonomiċi jew bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi jsiru aktar tard minn meta miftiehem fil-kuntratt jew minn meta stipulat fil-kundizzjonijiet kummerċjali ġenerali jew fil-liġi***, għalkemm l-oġġetti jitwasslu jew is-servizzi jiġu pprovduti***.

Or. en

Emenda 27
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-ħlasijiet tard jaffettwaw direttament il-likwidità u l-prevedibbiltà tal-flussi tal-flus, u b'hekk iżidu l-bżonnijiet tal-kapital operatorju u jikkompromettu ***l-aċċess ta' kumpanija għal*** finanzjament estern. Dan jaffettwa l-kompetittività, inaqqas il-produttività, iwassal għal sensji, iżid il-probabbiltà ta' insolvenzi u fallimenti, u hu ostaklu kritiku għat-tkabbir. L-effetti dannużi tal-ħlasijiet tard jinfirxu tul il-ktajjen tal-provvista, għax id-dewmien tal-ħlasijiet spiss jingħadda fuq il-forniturі. L-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), li jiddependu fuq flussi regolari u prevedibbli tal-flus, huma affettwati ħafna minn dawk il-konsegwenzi negattivi. Għalhekk, il-ħlasijiet tard	(3) Il-ħlasijiet tard ***u l-ħlasijiet differiti lil hinn mill-perjodi stabbiliti mil-liġi*** jaffettwaw direttament il-likwidità u l-prevedibbiltà tal-flussi tal-flus, u b'hekk iżidu l-bżonnijiet tal-kapital operatorju u jikkompromettu ***l-profittabbiltà, meta l-kreditur ikollu bżonn jikseb*** finanzjament estern ***minħabba ħlasijiet tard***. Dan jaffettwa l-kompetittività, inaqqas il-produttività ***u l-kiri***, iwassal għal sensji, iżid il-probabbiltà ta' insolvenzi u fallimenti, u hu ostaklu kritiku għat-tkabbir***, meta jitqies ukoll li l-inflazzjoni tnaqqas il-valur reali tal-krediti maż-żmien***. L-effetti dannużi tal-ħlasijiet tard jinfirxu tul il-ktajjen tal-provvista, għax id-dewmien tal-ħlasijiet spiss jingħadda fuq

jirrappreżentaw problema għall-ekonomija tal-Unjoni minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi tagħhom.

il-fornituri. L-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), li jiddependu fuq flussi regolari u prevedibbli tal-flus, huma affettwati ħafna minn dawk il-konsegwenzi negattivi. Għalhekk, il-ħlasijiet tard jirrappreżentaw problema għall-ekonomija tal-Unjoni minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi tagħhom. ***Ir-riskju ta' dawn l-effetti negattivi jiżdied ħafna f'perjodi ta' kriżi ekonomika meta l-aċċess għall-finanzjament huwa aktar diffiċli.***

Or. en

Emenda 28
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-ħlasijiet tard jaffettwaw direttament il-likwidità u l-prevedibbiltà tal-flussi tal-flus, u b'hekk iżidu l-bżonnijiet tal-kapital operatorju u jikkompromettu l-aċċess ta' kumpanija għal finanzjament estern. Dan jaffettwa l-kompetittività, inaqqas il-produttività, iwassal għal sensji, iżid il-probabbiltà ta' insolvenzi u fallimenti, u hu ostaklu kritiku għat-tkabbir. L-effetti dannużi tal-ħlasijiet tard jinfirxu tul il-ktajjen tal-provvista, għax id-dewmien tal-ħlasijiet spiss jingħadda fuq il-fornituri. L-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)***, li jiddependu fuq flussi regolari u prevedibbli tal-flus,*** huma affettwati ***ħafna*** minn dawk il-konsegwenzi negattivi. Għalhekk, il-ħlasijiet tard jirrappreżentaw problema għall-ekonomija tal-Unjoni minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi tagħhom.	(3) Il-ħlasijiet tard jaffettwaw direttament il-likwidità u l-prevedibbiltà tal-flussi tal-flus, u b'hekk iżidu l-bżonnijiet tal-kapital operatorju u jikkompromettu l-aċċess ta' kumpanija għal finanzjament estern. Dan jaffettwa l-kompetittività, inaqqas il-produttività, iwassal għal sensji, iżid il-probabbiltà ta' insolvenzi u fallimenti, u hu ostaklu kritiku għat-tkabbir. L-effetti dannużi tal-ħlasijiet tard jinfirxu tul il-ktajjen tal-provvista, għax id-dewmien tal-ħlasijiet spiss jingħadda fuq il-fornituri. L-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) huma affettwati minn dawk il-konsegwenzi negattivi. Għalhekk, il-ħlasijiet tard jirrappreżentaw problema għall-ekonomija tal-Unjoni minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi tagħhom***, filwaqt li l-intervent regolatorju jenħtieġ li jqis ukoll il-benefiċċji ta' ħlasijiet tard f'sitwazzjonijiet, li huma ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet, id-debitur u l-***

kreditur.

Or. en

Emenda 29
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-ħlasijiet tard jaffettwaw direttament il-likwidità u l-prevedibbiltà tal-flussi tal-flus, u b'hekk iżidu l-bżonnijiet tal-kapital operatorju u jikkompromettu l-aċċess ta' kumpanija għal finanzjament estern. Dan jaffettwa l-kompetittività, inaqqas il-produttività, iwassal għal sensji, iżid il-probabbiltà ta' insolvenzi u fallimenti, u hu ostaklu kritiku għat-tkabbir. L-effetti dannużi tal-ħlasijiet tard jinfirxu tul il-ktajjen tal-provvista, għax id-dewmien tal-ħlasijiet spiss jingħadda fuq il-forniturі. L-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), li jiddependu fuq flussi regolari u prevedibbli tal-flus, huma affettwati ħafna minn dawk il-konsegwenzi negattivi. Għalhekk, il-ħlasijiet tard jirrappreżentaw problema għall-ekonomija tal-Unjoni minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi tagħhom.	(3) Il-ħlasijiet tard jaffettwaw direttament il-likwidità u l-prevedibbiltà tal-flussi tal-flus, u b'hekk iżidu l-bżonnijiet tal-kapital operatorju u jikkompromettu l-aċċess ta' kumpanija għal finanzjament estern. Dan jaffettwa l-kompetittività, inaqqas il-produttività, iwassal għal sensji, iżid il-probabbiltà ta' insolvenzi u fallimenti, u hu ostaklu kritiku għat-tkabbir. L-effetti dannużi tal-ħlasijiet tard jinfirxu tul il-ktajjen tal-provvista, għax id-dewmien tal-ħlasijiet spiss jingħadda fuq il-forniturі. L-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) ***u l-mikrointrapriżi***, li jiddependu fuq flussi regolari u prevedibbli tal-flus, huma affettwati ħafna minn dawk il-konsegwenzi negattivi. Għalhekk, il-ħlasijiet tard jirrappreżentaw problema għall-ekonomija tal-Unjoni minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi tagħhom.

Or. ro

Emenda 30
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Is-settur involut fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti kulturali li jimxu bil-mod, għandu organizzazzjoni unika fix-xenarju usa' tal-bejgħ bl-imnut; mudell kummerċjali li jkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha involuti billi jqis l-istruttura tas-setturi kreattivi u kulturali bħala detenturi ta' stokks kbar b'ċikli operattivi uniċi u bil-mod u b'rotazzjoni tal-istokks; mudell kummerċjali adatt għall-karatteristiċi distintivi ta' prodotti kulturali li jimxu bil-mod u li jinbiegħu bil-mod b'valur intrinsiku, mingħajr paragun f'tipi oħra ta' bejgħ bl-imnut.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Most books, apart from bestsellers, stay on bookshop shelves for 6 to 12 months or even longer before selling. This means that a bookshop's stock rotates (i.e., the entire stock is sold) less frequently than in other retail sectors (on average every 3.43 months) and, therefore, bookshops do not make an immediate profit on the books they stock. If one compares this to the trade in perishable goods, where stock rotation is by nature much quicker, the difference between a slow-moving product (book) and a faster-moving product becomes evident. Payment and invoicing obligations should, therefore, also be differentiated. Book publishers, in turn, rely on a healthy network of booksellers to display the wealth of titles that underpin Europe's cultural diversity and that make book publishing the largest cultural industry in the EU. Longer payment terms also reflect the long-term investments that publishers make on authors, who get paid in advance but might need months or years to become successful, and require the exposure of their books in the highest possible number of outlets.

Emenda 31
Andreas Schwab, Christian Doleschal, Geoffroy Didier, Barbara Thaler, Marion Walsmann, Lara Comi, Maria da Graça Carvalho

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***Għalkemm*** it-talbiet ġudizzjarji relatati mal-ħlasijiet tard diġà huma	(4) It-talbiet ġudizzjarji relatati mal-ħlasijiet tard diġà huma ffaċilitati mir-

ffaċilitati mir-Regolamenti (KE) Nru 805/2004[36], (KE) Nru 1896/2006[37], (KE) Nru 861/2007[38] u (UE) Nru 1215/2012[39] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, jeħtieġ jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet kumplimentari.

Regolamenti (KE) Nru 805/2004[36], (KE) Nru 1896/2006[37], (KE) Nru 861/2007[38] u (UE) Nru 1215/2012[39] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, jeħtieġ jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet kumplimentari. ***Il-proċeduri introdotti hemmhekk jintużaw b'mod differenti fl-Istati Membri. B'mod partikolari, il-proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea ma tintużax bl-istess mod fl-Istati Membri kollha, bid-durata tal-proċedura li tvarja ħafna[39a]. Madankollu, użu akbar ta' dawn l-istrumenti jippermetti lill-kumpaniji jiksbu l-kumpens tagħhom aktar malajr. Il-proċeduri Ewropej imsemmija hawn fuq ma humiex magħrufa biżżejjed fost in-negozji, iċ-ċittadini, il-professjonisti u l-qrati. Minħabba din ir-raġuni, huwa meħtieġ li l-proċeduri jsiru aktar effettivi u magħrufa aħjar. Billi jitqassru l-iskadenzi rispettivi u jiġi introdott l-ipproċessar elettroniku, il-proċeduri se jsiru aktar attraenti. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll li jiżguraw konformità mad-durata massima tal-proċedura.***

---

[36] Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati (ĠU L 143, 30.04.2004, p. 15).

[37] Ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1).

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1)

[39] Ir-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-

[36] Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati (ĠU L 143, 30.04.2004, p. 15).

[37] Ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1).

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1)

[39] Ir-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-

rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).	rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).
	[39a] Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li joħloq proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Existing mechanisms need to be optimized before creating new instruments such as the enforcement authorities mentioned here. The European order for payment procedure was introduced to simplify and speed up the recovery of outstanding debts, to reduce procedural costs and to provide creditors, especially SMEs, with a quick and efficient legal instrument - an objective that is as valid today as it was when the Regulation was adopted. The Commission's 2015 report found that the Regulation generally appears to work reliably and satisfactorily. The application of the Regulation has generally improved, simplified and accelerated the processing of uncontested pecuniary claims in cross-border disputes. However, the European procedure is not sufficiently well known among businesses, citizens, professionals and courts. Further education is therefore needed, both at European level and in the Member States. The Regulation should be effectively and actively promoted by informing the public and professionals about the European order for payment procedure. The functioning of the procedure could be further improved by ensuring electronic processing and by Member States giving more thought to whether centralized processing of cases under the procedure would be useful.

Emenda 32
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Id-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40] tistabbilixxi regoli li jiġġieldu kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali. Fl-2019, il-Parlament Ewropew identifika diversi nuqqasijiet f'dik id-Direttiva. L-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali[41] appellat biex ikun żgurat ambjent	(6) Id-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40] tistabbilixxi regoli li jiġġieldu kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali. Fl-2019, il-Parlament Ewropew identifika diversi nuqqasijiet f'dik id-Direttiva. L-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali[41] appellat biex ikun żgurat ambjent

“mingħajr ħlasijiet tard” għall-SMEs u biex jissaħħaħ l-infurzar tad-Direttiva 2011/7/UE. Fl-2021, fl-opinjoni tagħha, il-Pjattaforma Fit for Future enfasizzat kwistjonijiet kritiċi fl-implimentazzjoni ta’ dik id-Direttiva. In-nuqqasijiet ewlenin identifikati f’dawn l-inizjattivi huma relatati ma’: id-dispożizzjonijiet ambigwi dwar “inġusti għall-aħħar” rigward l-iskadenzi għall-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet bejn in-negozji (B2B), il-prattiki inġusti tal-ħlas u l-iskadenzi għall-proċeduri tal-aċċettazzjoni u tal-verifika; il-kumpens b’tariffa fissa; l-assimetrija tar-regoli dwar il-perjodi tal-ħlas bejn it-tranżazzjonijiet G2B u B2B; in-nuqqas ta’ perjodu massimu tal-ħlas għat-tranżazzjonijiet kummerċjali fit-tranżazzjonijiet B2B; in-nuqqas ta’ monitoraġġ tal-konformità u tal-infurzar; in-nuqqas ta’ għodod li jsewwu l-asimmetriji tal-informazzjoni; kif ukoll għodod għall-krediturи biex jieħdu azzjoni kontra d-debituri tagħhom, u n-nuqqas ta’ sinerġiji mal-qafas tal-akkwist pubbliku.	“mingħajr ħlasijiet tard” għall-SMEs u biex jissaħħaħ l-infurzar tad-Direttiva 2011/7/UE. Fl-2021, fl-opinjoni tagħha, il-Pjattaforma Fit for Future enfasizzat kwistjonijiet kritiċi fl-implimentazzjoni ta’ dik id-Direttiva. In-nuqqasijiet ewlenin identifikati f’dawn l-inizjattivi huma relatati ma’: id-dispożizzjonijiet ambigwi dwar “inġusti għall-aħħar” rigward l-iskadenzi għall-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet bejn in-negozji (B2B), il-prattiki inġusti tal-ħlas u l-iskadenzi għall-proċeduri tal-aċċettazzjoni u tal-verifika; il-kumpens b’tariffa fissa; l-assimetrija tar-regoli dwar il-perjodi tal-ħlas bejn it-tranżazzjonijiet G2B u B2B; ***l-asimetriji fis-setgħa ta’ negozjar bejn debituri kbar u aktar b’saħħithom u krediturи żgħar;*** in-nuqqas ta’ perjodu massimu tal-ħlas għat-tranżazzjonijiet kummerċjali fit-tranżazzjonijiet B2B; in-nuqqas ta’ monitoraġġ tal-konformità u tal-infurzar; in-nuqqas ta’ għodod li jsewwu l-asimmetriji tal-informazzjoni; kif ukoll għodod għall-krediturи biex jieħdu azzjoni kontra d-debituri tagħhom, u n-nuqqas ta’ sinerġiji mal-qafas tal-akkwist pubbliku.
[40] Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1).	[40] Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1).
[41] COM (2020) 103 final.	[41] COM (2020) 103 final.

Or. en

Emenda 33
Andreas Schwab, Christian Doleschal, Geoffroy Didier, Barbara Thaler, Marion Walsmann, Lara Comi, Maria da Graça Carvalho

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni tal-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, li jikkonsistu fit-twassil ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi bi ħlas***, irrispettivament minn jekk dawn isirux bejn l-intrapriżi jew bejn intrapriżi u awtoritajiet/entitajiet*** kontraenti***, meta dawn tal-aħħar ikunu d-debitur, peress li dawn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jittrattaw*** volum konsiderevoli ta' ħlasijiet ***lill-intrapriżi***.	(8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni tal-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, li jikkonsistu fit-twassil ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi bi ħlas***. Billi l-awtoritajiet*** kontraenti***/il-korpi tal-għoti jipproċessaw*** volum konsiderevoli ta' ħlasijiet ***lill-intrapriżi u peress li matul l-aħħar snin kien esperjenzat ammont sinifikanti ta' ħlasijiet tard, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' ħlas obbligatorju ta' 30 jum kalendarju għal dawn it-tranżazzjonijiet. Perjodu ta' ħlasijiet itwal huwa spiss meħtieġ bejn l-intrapriżi. Għalhekk, fi tranżazzjonijiet B2B, il-perjodu tal-ħlas ma jistax jaqbeż is-60 jum kalendarju wara li tiġi riċevuta l-fattura. Minħabba l-karatteristiċi speċjali tal-mudell ta' finanzjament f'ċerti setturi, huwa madankollu meħtieġ li jkun hemm qbil dwar perjodi ta' ħlas saħansitra itwal. Dan japplika b'mod partikolari għal oġġetti staġunali u prodotti bil-mod. Għalhekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' każ individwali, jenħtieġ li jkun possibbli li jintlaħaq qbil dwar perjodi itwal ta' ħlas f'kuntratti individwali. Tali ftehim irid isir espressament u ma jistax jiġi impost unilateralment bħala termini u kundizzjonijiet ġenerali. Barra minn hekk, il-ftehim ma jridx ikun inġust għall-aħħar fir-rigward tal-interessi tal-kreditur. Huwa diġà preżunt li ma hemm l-ebda inekwità kbira jekk id-debitur huwa intrapriża żgħira jew ta' daqs medju. Inġustizzja kbira teżisti jekk id-devjazzjoni mill-perjodu standard ta' 60 jum isseħħ mingħajr raġuni oġġettiva u tikser il-prinċipji ta' bona fide u onestà. Dan huwa preżunt li jkun il-każ jekk ikun ġie miftiehem perjodu ta' ħlas ta' aktar minn 120 jum. Il-preżunzjoni tista' tiġi konfutata f'każijiet individwali.***

Or. en

Emenda 34
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni tal-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, li jikkonsistu fit-twassil ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi bi ħlas, irrispettivament minn jekk dawn isirux bejn l-intrapriżi jew bejn intrapriżi u awtoritajiet/entitajiet kontraenti, meta dawn tal-aħħar ikunu d-debitur, peress li dawn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jittrattaw volum konsiderevoli ta' ħlasijiet lill-intrapriżi.	(8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni tal-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, li jikkonsistu fit-twassil ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi bi ħlas, irrispettivament minn jekk dawn isirux bejn l-intrapriżi jew bejn intrapriżi u awtoritajiet/entitajiet kontraenti, meta dawn tal-aħħar ikunu d-debitur, peress li dawn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jittrattaw volum konsiderevoli ta' ħlasijiet lill-intrapriżi. ***It-tranżazzjonijiet bejn intrapriżi kbar jenħtieġ li jiġu eskluż minn dawn id-dispożizzjonijiet.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kawża ewlenija tal-ħlasijiet tard tinsab fl-iżbilanċ tas-setgħa tan-negozjar. Billi l-intrapriżi kbar għandhom setgħa ta' negozjar relattivament ugwali, it-tranżazzjonijiet bejn intrapriża kbira u intrapriża kbira oħra għandhom jiġu eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ma għandux japplika għal tranżazzjonijiet bejn l-SMEs b'mod ġenerali, peress li d-differenzi bejn is-setgħa ta' negozjar fost l-SMEs jistgħu relattivament ikunu aktar inugwali.

Emenda 35
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Is-settur ikkonċernat bil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti kulturali li jimxu bil-

	mod għandu struttura unika fi ħdan il-pajsaġġ usa' tal-bejgħ bl-imnut. Dan jikkostitwixxi mudell kummerċjali li jibbenefika lill-partijiet kollha involuti billi jqis li s-setturi kreattivi u kulturali huma strutturati bħala li jżommu stokks kbar ta' prodotti b'ċikli operattivi uniċi, li jimxu bil-mod u b'rotazzjoni tal-istokks. Huwa mudell kummerċjali mfassal għall-karatteristiċi distintivi ta' prodotti kulturali ta' valur intrinsiku, li jimxu u jinbigħu bil-mod, u li ma għandux ekwivalenti f'tipi oħra ta' kummerċ bl-imnut.
	Or. ro

Emenda 36
Geoffroy Didier, Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Is-settur involut fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti kulturali li jimxu bil-mod, għandu organizzazzjoni unika fix-xenarju usa' tal-bejgħ bl-imnut; mudell kummerċjali li jibbenefika lill-partijiet kollha involuti billi jqis l-istruttura tas-setturi kreattivi u kulturali bħala detenturi ta' stokks kbar b'ċikli operattivi uniċi u bil-mod u b'rotazzjoni tal-istokks; mudell kummerċjali adatt għall-karatteristiċi distintivi ta' prodotti kulturali li jimxu bil-mod u li jinbiegħu bil-mod b'valur intrinsiku, mingħajr paragun f'tipi oħra ta' bejgħ bl-imnut.
	Or. en

Emenda 37
Geoffroy Didier, Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Is-settur involut fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ bl-imnut ta' kotba għandu organizzazzjoni unika fix-xenarju usa' tal-bejgħ bl-imnut; wara li żviluppa tul għexieren ta' snin mudell kummerċjali bbilanċjat li juża termini ta' ħlas twal u flessibbli bil-għan ewlieni li jipprovdi offerta varjata ta' kotba li tarrikkixxi l-kultura Ewropea; mudell kummerċjali li jkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha involuti billi jqis l-istruttura unika tal-ħwienet tal-kotba bħala detenturi ta' stokks kbar ta' eluf ta' titoli uniċi, b'rotazzjoni tal-istokk mhux frekwenti; mudell kummerċjali adattat għall-karatteristiċi distintivi tal-kummerċ tal-kotba, li jirrikonoxxi l-kotba bħala prodotti kulturali li jimxu bil-mod u li jinbiegħu bil-mod b'valur intrinsiku, mingħajr paragun f'tipi oħra ta' bejgħ bl-imnut.

Or. en

Emenda 38
Róża Thun und Hohenstein

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) It-tranżazzjonijiet mal-konsumaturi, il-ħlasijiet bħala kumpens għad-danni***,*** ***inkluż il-ħlasijiet minn kumpaniji tal-assigurazzjoni,*** u l-obbligi tal-ħlas li jistgħu jiġu kkanċellati, posposti, jew rinunzjati skont jew b'rabta ma' proċedimenti ta' insolvenza jew proċedimenti ta' ristrutturar, inkluż proċedimenti ta' ristrutturar preventiv	(10) It-tranżazzjonijiet mal-konsumaturi, il-ħlasijiet bħala kumpens għad-danni u l-obbligi tal-ħlas li jistgħu jiġu kkanċellati, posposti, jew rinunzjati skont jew b'rabta ma' proċedimenti ta' insolvenza jew proċedimenti ta' ristrutturar, inkluż proċedimenti ta' ristrutturar preventiv skont id-Direttiva (UE) 2019/1023[42] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ

skont id-Direttiva (UE) 2019/1023[42] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Madankollu, il-ħlasijiet magħmula bħala twettiq tal-obbligi li joħorġu minn kuntratti tal-assigurazzjoni jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-ħlasijiet magħmula fi tranżazzjonijiet bejn kumpaniji tal-assigurazzjoni u intrapriżi bi skambju għall-forniment ta' oġġetti jew għall-provvista ta' servizzi bi ħlas, inkluż bħala kumpens lil partijiet terzi oħra, jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

[42] Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18).

[42] Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18).

Or. en

Emenda 39
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) It-tranżazzjonijiet mal-konsumaturi, il-ħlasijiet bħala kumpens għad-danni, inkluż il-ħlasijiet minn kumpaniji tal-assigurazzjoni, u l-obbligi tal-ħlas li jistgħu jiġu kkanċellati, posposti, jew rinunzjati skont jew b'rabta ma' proċedimenti ta' insolvenza jew proċedimenti ta' ristrutturar, inkluż proċedimenti ta' ristrutturar preventiv skont id-Direttiva (UE) 2019/1023[42] tal-Parlament Ewropew	(10) It-tranżazzjonijiet mal-konsumaturi, il-ħlasijiet bħala kumpens għad-danni, inkluż il-ħlasijiet minn kumpaniji tal-assigurazzjoni, ***l-interessi b'rabta ma' ħlasijiet oħra, pereżempju ħlasijiet skont il-liġijiet dwar iċ-ċekkijiet u l-kambjali,*** u l-obbligi tal-ħlas li jistgħu jiġu kkanċellati, posposti, jew rinunzjati skont jew b'rabta ma' proċedimenti ta' insolvenza jew proċedimenti ta' ristrutturar, inkluż

u tal-Kunsill, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

proċedimenti ta' ristrutturar preventiv skont id-Direttiva (UE) 2019/1023[42] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

[42] Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18).

[42] Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18).

Or. en

Emenda 40
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront***,*** ***inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett***, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju***, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll*** fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.	(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. ***Minn naħa waħda,*** jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard***, iżda min-naħa l-oħra jenħtieġ li jitqiesu wkoll ir-raġunijiet leġittimi ta' restrizzjonijiet temporanji tal-fluss tal-flus bħal dewmien tal-ħlasijiet tal-klijenti, tkabbir tan-negozju, varjazzjonijiet staġunali, spejjeż mhux mistennija, kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-inventarju, dinamika tas-suq u kompetizzjoni jew tnaqqis fir-ritmu ekonomiku***. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li ***fil-prinċipju*** jkunu

limitati għal 30 jum kalendarju fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur. ***Il-perjodi ta' ħlas fi tranżazzjonijiet B2B jenħtieġ li jkunu limitati għal 60 jum kalendarju jekk ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-aspett kuntrattwali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li t-termini u l-prattiki kuntrattwali dwar il-perjodi ta' ħlas ma jkunux inġusti għall-aħħar.***

Or. en

Emenda 41
Anne Sander, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.	(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B***, meta d-debitur ikun intrapriża kbira skont id-Direttiva (UE) 2013/34***, kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur. ***Jekk dan ma jikkostitwix abbuż ċar fir-rigward tad-drittijiet tal-kreditur, il-partijiet kontraenti għandhom madankollu jkunu jistgħu jaqblu b'mod espliċitu dwar perjodi tal-ħlas tal-pagament itwal minn din id-durata, kif inhu l-każ, b'mod notevoli, meta jingħata***

kreditu kummerċjali lill-klijenti.

Or. fr

Emenda 42
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.	(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur. ***Din il-bidla hija meħtieġa wkoll biex jiġi limitat l-hekk imsejjaħ "fattur ta' biża" li l-intrapriżi mikro u żgħar isofru meta jkollhom kreditu ma' kumpaniji akbar u li spiss iwassal biex krediturі bħal dawn jittolleraw ħlasijiet tard kontra l-wegħda ta' negozju futur.***

Or. en

Emenda 43
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.	(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B***, meta d-debitur ikun intrapriża kbira skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/34***, kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika***, fis-sens ta' kuntratt pubbliku jew le,*** tkun id-debitur.

Or. fr

Emenda 44
Tsvetelina Penkova, Maria Grapini, Brando Benifei, René Repasi, Laura Ballarín Cereza

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas	(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas

kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum ***kalendarju***, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.	kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum ***ta' xogħol***, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur. ***Il-fatturar elettroniku jista' jkun għodda ta' għajnuna f'dan ir-rigward, peress li jgħin lill-kredituri jagħtu prova tad-data li fiha tiġi riċevuta l-fattura f'każ ta' dubju jew tilwima.***
	Or. en

Emenda 45
Stéphanie Yon-Courtin, Dita Charanzová, Catharina Rinzema, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.	(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B***, meta d-debitur ikun intrapriża kbira skont it-tifsira tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2013/34/UE*** kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.
	Or. en

Emenda 46
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront***, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett,*** ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.	(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, kemm fit-tranżazzjonijiet B2B***, fejn l-intrapriża l-kbira hija d-debitur,*** kif ukoll fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kawża ewlenija tal-ħlasijiet tard tinsab fl-iżbilanċ tas-setgħa tan-negozjar, għalhekk, it-tranżazzjonijiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi u bejn l-intrapriżi l-kbar u l-SMEs, fejn l-intrapriżi l-kbar huma d-debitur, għandhom dejjem ikunu limitati għal 30 jum kalendarju.

Emenda 47
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-liġijiet nazzjonali diġà jipprovdu flessibbiltà għad-debituri, peress li l-perjodu ta' żmien permess bejn il-wasla

tal-prodotti u s-servizzi u l-wasla tal-fattura jvarja bejn l-Istati Membri. Għalhekk, tali perjodu ta' żmien jippermetti lid-debituri jkollhom aktar minn 30 jum kalendarju biex iħallsu lill-kredituri tagħhom mill-mument li jirċievu l-oġġetti jew is-servizzi u konsegwentement mill-mument li jkunu jistgħu jużaw jew ibigħu tali oġġetti jew servizzi. Fil-każ li fih intrapriżi mikro, żgħar u medji jkunu d-debituri, dan il-perjodu ta' żmien jippermettilhom li jkollhom aktar flessibbiltà, b'mod partikolari meta jittrattaw oġġetti li jimxu bil-mod jew oġġetti li għandhom rata ta' fatturat baxxa. Madankollu, meta l-kredituri jkunu intrapriżi mikro u d-debituri jkunu intrapriżi kbar, l-assimetrija tas-setgħa ta' negozjar tista' ġġib estensjoni sinifikanti ta' dan il-perjodu ta' żmien sabiex jiġi pospost il-ħlas finali. Biex tiġi evitata din il-possibbiltà u biex l-intrapriżi mikro jkunu jistgħu jitħallsu fattwalment fi żmien 30 jum minn intrapriżi kbar, l-intrapriżi mikro jenħtieġ li jipprovdu l-fattura flimkien mal-prodotti u s-servizzi.

Or. en

Emenda 48
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(11a) Madankollu, jista' jkun hemm ċirkustanzi fejn l-intrapriżi jirrikjedu perjodi ta' ħlas aktar estensivi, pereżempju meta l-intrapriżi jixtiequ jagħtu kreditu kummerċjali lill-klijenti tagħhom. Għandu għalhekk jibqa' possibbli li l-partijiet jiftehmu espliċitament dwar perjodi tal-ħlas itwal, sakemm, madankollu, estensjoni ta' dan**

it-tip ma tkunx inġusta għall-aħħar għall-kreditur.

Or. fr

Emenda 49
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-perjodi ta' ħlas kuntrattwali jistgħu jiġu estiżi sa 60 jum kalendarju fi tranżazzjonijiet B2B, meta l-intrapriża kbira ma tkunx id-debitur u meta dan ikun miftiehem espressament mill-kreditur u d-debitur fil-kuntratt, ma jkunx inġust għall-aħħar għall-kreditur u l-awtorità ta' infurzar tiġi nnotifikata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' aktar flessibbiltà biex jiġi estiż il-perjodu ta' ħlas; madankollu, peress li l-kawża ewlenija tal-ħlasijiet tard tinsab fl-iżbilanċ tas-setgħa tan-negozjar, din id-deroga qatt ma tapplika għal tranżazzjonijiet bejn awtoritajiet pubbliċi u intrapriżi u bejn intrapriżi kbar u SMEs, meta l-intrapriżi kbar ikunu d-debitur. Sabiex jiġu ffaċilitati t-trasparenza, il-ġbir tad-data dwar il-ħlasijiet tard, u jiġi previst infurzar aħjar, l-awtorità tal-infurzar għandha tiġi nnotifikata meta jiġi estiż il-perjodu ta' ħlas (ara wkoll l-Artikolu 13(2a).

Emenda 50
Tsvetelina Penkova, Maria Grapini, Brando Benifei, René Repasi, Laura Ballarín Cereza

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-awtoritajiet pubbliċi b'mod partikolari jenħtieġ li jagħtu eżempju tal-ħlasijiet dovuti għall-bqija tal-atturi

ekonomiċi.

Or. en

Emenda 51
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Regoli settorjali derogatorji kienu effettivi għal ċerti setturi affettwati minn staġonalità qawwija (il-bejgħ ta' ġugarelli barra mill-perjodu tal-Milied, il-prodotti tal-iski fis-sajf, eċċ.) jew prodotti li, min-natura tagħhom, jieħdu żmien twil biex jinbiegħu (ġojjellerija, makkinarju, prodotti elettroniċi li jiswew ħafna flus, eċċ.). Minħabba f'hekk, l-Istati Membri u s-setturi jistgħu jagħżlu li jżommu jew jistabbilixxu regoli derogatorji settorjali għall-perjodi tal-ħlas.

Or. fr

Emenda 52
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-proċeduri tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti mar-rekwiżiti tal-kuntratt, kif ukoll il-verifika tal-korrettezza u l-konformità tal-fattura, spiss jintużaw biex idewmu intenzjonalment il-perjodu tal-ħlas. Għalhekk jenħtieġ li l-inklużjoni tagħhom fil-kuntratt tiġi ġġustifikata oġġettivament min-natura partikolari tal-kuntratt	(12) Il-proċeduri tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti mar-rekwiżiti tal-kuntratt, kif ukoll il-verifika tal-korrettezza u l-konformità tal-fattura, spiss jintużaw biex idewmu intenzjonalment il-perjodu tal-ħlas. Għalhekk jenħtieġ li l-inklużjoni tagħhom fil-kuntratt tiġi ġġustifikata oġġettivament min-natura partikolari tal-kuntratt

inkwistjoni jew minn xi karatteristiċi tiegħu[43]. ***Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dik il-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni f'kuntratt tiġi prevista biss meta dan ikun previst fil-liġi nazzjonali, meta meħtieġ, minħabba n-natura speċifika tal-oġġetti jew tas-servizzi.*** Biex ikun evitat li l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika tintuża għall-estensjoni tal-perjodu tal-ħlas, il-kuntratt jenħtieġ li jkun jiddeskrivi b'mod ċar id-dettalji ta' dik il-proċedura, inkluż it-tul tagħha. Għall-istess fini, id-debitur jenħtieġ li jibda l-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali, irrispettivament minn jekk il-kreditur ikunx ħareġ fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas. ***Biex ma tixxekkilx il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, jixraq li jiġi stabbilit tul massimu tal-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika.***	inkwistjoni jew minn xi karatteristiċi tiegħu[43]. Biex ikun evitat li l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika tintuża għall-estensjoni tal-perjodu tal-ħlas, il-kuntratt jenħtieġ li jkun jiddeskrivi b'mod ċar id-dettalji ta' dik il-proċedura, inkluż it-tul tagħha. Għall-istess fini, id-debitur jenħtieġ li jibda l-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali, irrispettivament minn jekk il-kreditur ikunx ħareġ fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas.
[43] Is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, BFF Finance Iberia SAU vs Gerencia Regional de Salud de la Junta de Castilla y León (ĠU C 53, 15.2.2021, p. 19) C585/20, EU:C:2022:806, il-paragrafu 53.	[43] Is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, BFF Finance Iberia SAU vs Gerencia Regional de Salud de la Junta de Castilla y León (ĠU C 53, 15.2.2021, p. 19) C585/20, EU:C:2022:806, il-paragrafu 53.

Or. en

Emenda 53
Laura Ballarín Cereza

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-proċeduri tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti mar-rekwiżiti tal-kuntratt, kif ukoll il-verifika tal-korrettezza u l-konformità tal-fattura,	(12) Il-proċeduri tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti mar-rekwiżiti tal-kuntratt, kif ukoll il-verifika tal-korrettezza u l-konformità tal-fattura,

spiss jintużaw biex idewmu intenzjonalment il-perjodu tal-ħlas. Għalhekk jenħtieġ li l-inklużjoni tagħhom fil-kuntratt tiġi ġġustifikata oġġettivament min-natura partikolari tal-kuntratt inkwistjoni jew minn xi karatteristiċi tiegħu[43]. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dik il-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni f'kuntratt tiġi prevista biss meta dan ikun previst fil-liġi nazzjonali, meta meħtieġ, minħabba n-natura speċifika tal-oġġetti jew tas-servizzi. Biex ikun evitat li l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika tintuża għall-estensjoni tal-perjodu tal-ħlas, il-kuntratt jenħtieġ li jkun jiddeskrivi b'mod ċar id-dettalji ta' dik il-proċedura, inkluż it-tul tagħha. Għall-istess fini, id-debitur jenħtieġ li jibda l-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali, irrispettivament minn jekk il-kreditur ikunx ħareġ fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas. Biex ma tixxekkilx il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, jixraq li jiġi stabbilit tul massimu tal-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika.	spiss jintużaw biex idewmu intenzjonalment il-perjodu tal-ħlas. Għalhekk jenħtieġ li l-inklużjoni tagħhom fil-kuntratt tiġi ġġustifikata oġġettivament min-natura partikolari tal-kuntratt inkwistjoni jew minn xi karatteristiċi tiegħu[43]. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dik il-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni f'kuntratt tiġi prevista biss meta dan ikun previst fil-liġi nazzjonali, meta meħtieġ, minħabba n-natura speċifika tal-oġġetti jew tas-servizzi. Biex ikun evitat li l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika tintuża għall-estensjoni tal-perjodu tal-ħlas, il-kuntratt jenħtieġ li jkun jiddeskrivi b'mod ċar id-dettalji ta' dik il-proċedura, inkluż it-tul tagħha. Għall-istess fini, id-debitur jenħtieġ li jibda l-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali, irrispettivament minn jekk il-kreditur ikunx ħareġ fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas. ***F'dawk il-każijiet li fihom tkun diffiċli li tingħata prova tad-data tal-wasla tal-fattura minn waħda mill-partijiet, id-debitur għandu jħallas għall-oġġetti jew is-servizzi fi żmien 30 jum minn meta jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li huma l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali.*** Biex ma tixxekkilx il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, jixraq li jiġi stabbilit tul massimu tal-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika.
[43] Is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, BFF Finance Iberia SAU vs Gerencia Regional de Salud de la Junta de Castilla y León (ĠU C 53, 15.2.2021, p. 19) C585/20, EU:C:2022:806, il-paragrafu 53.	[43] Is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, BFF Finance Iberia SAU vs Gerencia Regional de Salud de la Junta de Castilla y León (ĠU C 53, 15.2.2021, p. 19) C585/20, EU:C:2022:806, il-paragrafu 53.
	Or. en

Emenda 54
Claude Gruffat, Malte Gallée

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-proċeduri tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti mar-rekwiżiti tal-kuntratt, kif ukoll il-verifika tal-korrettezza u l-konformità tal-fattura, spiss jintużaw biex idewmu intenzjonalment il-perjodu tal-ħlas. Għalhekk jenħtieġ li l-inklużjoni tagħhom fil-kuntratt tiġi ġġustifikata oġġettivament min-natura partikolari tal-kuntratt inkwistjoni jew minn xi karatteristiċi tiegħu[43]. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dik il-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni f'kuntratt tiġi prevista biss meta dan ikun previst fil-liġi nazzjonali, meta meħtieġ, minħabba n-natura speċifika tal-oġġetti jew tas-servizzi. Biex ikun evitat li l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika tintuża għall-estensjoni tal-perjodu tal-ħlas, il-kuntratt jenħtieġ li jkun jiddeskrivi b'mod ċar id-dettalji ta' dik il-proċedura, inkluż it-tul tagħha. Għall-istess fini, id-debitur jenħtieġ li jibda l-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali, irrispettivament minn jekk il-kreditur ikunx ħareġ fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas. Biex ma tixxekkilx il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, jixraq li jiġi stabbilit tul massimu tal-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika.	(12) Il-proċeduri tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti mar-rekwiżiti tal-kuntratt, kif ukoll il-verifika tal-korrettezza u l-konformità tal-fattura, spiss jintużaw biex idewmu intenzjonalment il-perjodu tal-ħlas. Għalhekk jenħtieġ li l-inklużjoni tagħhom fil-kuntratt tiġi ġġustifikata oġġettivament min-natura partikolari tal-kuntratt inkwistjoni jew minn xi karatteristiċi tiegħu[43] ***li jkunu jirrikjedu verifika estensiva u dettaljata***. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dik il-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni f'kuntratt tiġi prevista biss meta dan ikun previst fil-liġi nazzjonali ***tal-Istat Membru li fih il-kreditur ikun stabbilit***, meta meħtieġ, minħabba n-natura speċifika tal-oġġetti jew tas-servizzi. Biex ikun evitat li l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika tintuża għall-estensjoni tal-perjodu tal-ħlas, il-kuntratt jenħtieġ li jkun jiddeskrivi b'mod ċar id-dettalji ta' dik il-proċedura, inkluż it-tul tagħha. Għall-istess fini, id-debitur jenħtieġ li jibda l-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali, irrispettivament minn jekk il-kreditur ikunx ħareġ fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas. Biex ma tixxekkilx il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, jixraq li jiġi stabbilit tul massimu tal-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika.
[43] Is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, BFF Finance Iberia SAU vs Gerencia Regional de Salud de la Junta de Castilla y León (ĠU C 53, 15.2.2021, p. 19) C585/20,	[43] Is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, BFF Finance Iberia SAU vs Gerencia Regional de Salud de la Junta de Castilla y León (ĠU C 53, 15.2.2021, p. 19) C585/20,

EU:C:2022:806, il-paragrafu 53.	EU:C:2022:806, il-paragrafu 53.

Or. en

Emenda 55
Alessandra Basso, Marco Campomenosi, Antonio Maria Rinaldi, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal perjodi iqsar li jistgħu jkunu previsti fil-liġi nazzjonali, u li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur.	(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal perjodi iqsar li jistgħu jkunu previsti fil-liġi nazzjonali, u li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur. ***Bl-istess mod, l-Istati Membri, jekk iqisu li jkun xieraq, jistgħu jipprevedu forom indiretti ta' kumpens għall-intrapriżi li huma kredituri skont it-tifsira tal-Artikolu 2(9) ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 56
Stéphanie Yon-Courtin, Dita Charanzová, Catharina Rinzema, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal perjodi iqsar li jistgħu jkunu previsti fil-liġi nazzjonali***, u li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur***.	(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal perjodi iqsar ***jew itwal*** li jistgħu jkunu previsti fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 57
Anne Sander, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal perjodi iqsar li jistgħu jkunu previsti fil-liġi nazzjonali***, u li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur***.	(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal perjodi iqsar ***jew itwal*** li jistgħu jkunu previsti fil-liġi nazzjonali.

Or. fr

Emenda 58
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal perjodi iqsar li jistgħu jkunu previsti fil-liġi nazzjonali***, u li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur***.	(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal perjodi iqsar ***jew itwal*** li jistgħu jkunu previsti fil-liġi nazzjonali.

Or. fr

Emenda 59
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjieb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-objettivi tal-ħlas fil-pront. B'mod partikolari fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, anki meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet	***imħassra***

kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mat-tħassir tal-Artikolu 4, peress li l-kwistjoni tal-akkwist pubbliku jeħtieġ li tiġi trattata separatament minn dan ir-Regolament dwar il-Ħlas Tard.

Emenda 60
Brando Benifei

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjieb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-objettivi tal-ħlas fil-pront. B'mod partikolari fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, ***anki*** meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.	(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjieb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-objettivi tal-ħlas fil-pront ***u jiġu introdotti miżuri effettivi li jiskoraġġixxu mhux biss pagamenti tard tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, iżda wkoll l-għoti ta' kuntratti lil intrapriżi li ma jħallsux fil-ħin u bil-mod meħtieġ minn dan ir-Regolament***. B'mod partikolari fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, ***anke*** meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.

Or. it

Emenda 61
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjieb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-objettivi tal-ħlas fil-pront. ***B'mod partikolari*** fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, ***anki*** meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.	(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjieb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-objettivi tal-ħlas fil-pront***, filwaqt li jiġu introdotti miżuri effettivi li jiskoraġġixxu mhux biss pagamenti tard tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, iżda wkoll l-għoti ta' kuntratti lil intrapriżi li ma jħallsux fil-ħin u bil-mod meħtieġ minn dan ir-Regolament***. ***Barra minn hekk,*** fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, ***anke*** meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.

Or. it

Emenda 62
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjieb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-objettivi tal-ħlas fil-pront. ***B'mod partikolari*** fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, ***anki*** meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.	(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjieb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-objettivi tal-ħlas fil-pront ***li jintroduċu miżuri effettivi biex jiskoraġġixxu mhux biss ħlasijiet tard mill-awtoritajiet pubbliċi, iżda wkoll l-għoti ta' kuntratti lil kumpaniji li ma jħallsux fil-ħin u bil-mod preskritt minn dan ir-Regolament***. ***Barra minn hekk,*** fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, ***anke*** meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.

Or. en

Emenda 63
Laura Ballarín Cereza, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjieb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-objettivi tal-ħlas fil-pront. ***B'mod partikolari*** fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, ***anki*** meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet	(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjieb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-objettivi tal-ħlas fil-pront ***li jintroduċu miżuri effettivi biex jiskoraġġixxu mhux biss ħlasijiet tard mill-awtoritajiet pubbliċi, iżda wkoll l-għoti ta' kuntratti lil kumpaniji li ma jħallsux fil-ħin u bil-mod preskritt minn***

kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.	***dan ir-Regolament***. ***Barra minn hekk,*** fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, ***anke*** meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.

Or. en

Emenda 64
Andreas Schwab, Christian Doleschal, Geoffroy Didier, Barbara Thaler, Marion Walsmann

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li l-kreditur jirrinunzja d-dritt tiegħu li jikseb l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard, għax l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard għandhom funzjoni doppja: biex jikkumpensaw parti mid-dannu mġarrab mill-kreditur minħabba d-dewmien, u biex jissanzjonaw lid-debitur għall-ksur tal-kuntratt. Biex tiġi ffaċilitata l-wasla tal-imgħax u tal-kumpens f'każ ta' ħlasijiet tard għand il-kreditur, id-dritt li l-kreditur jiksibhom jenħtieġ li jkun awtomatiku, għajr meta d-debitur ma jkunx responsabbli għad-dewmien fil-ħlas.	***imħassra***

Or. en

Emenda 65
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li ***ma jkunx*** possibbli li l-kreditur jirrinunzja d-dritt tiegħu li jikseb l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard***, għax l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard għandhom funzjoni doppja: biex jikkumpensaw parti mid-dannu mġarrab mill-kreditur minħabba d-dewmien, u biex jissanzjonaw lid-debitur għall-ksur tal-kuntratt. Biex tiġi ffaċilitata l-wasla tal-imgħax u tal-kumpens f'każ ta' ħlasijiet tard għand il-kreditur, id-dritt li l-kreditur jiksibhom jenħtieġ li jkun awtomatiku, għajr meta d-debitur ma jkunx responsabbli għad-dewmien fil-ħlas.***	(17) Jenħtieġ li ***jkun*** possibbli li l-kreditur jirrinunzja d-dritt tiegħu li jikseb l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard.

Or. en

Emenda 66
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li l-kreditur jirrinunzja d-dritt tiegħu li jikseb l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard, għax l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard għandhom funzjoni doppja: biex jikkumpensaw parti mid-dannu mġarrab mill-kreditur minħabba d-dewmien, u biex jissanzjonaw lid-debitur għall-ksur tal-kuntratt. Biex tiġi ffaċilitata l-wasla tal-imgħax u tal-kumpens f'każ ta' ħlasijiet tard għand il-kreditur, id-dritt li l-kreditur jiksibhom jenħtieġ li jkun awtomatiku, għajr meta d-debitur ma jkunx responsabbli għad-dewmien fil-ħlas.	(17) Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li l-kreditur jirrinunzja d-dritt tiegħu li jikseb l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard ***meta l-awtorità pubblika jew intrapriża kbira tkun id-debitur, jew meta jkun inġust għall-aħħar għall-kreditur***, għax l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard għandhom funzjoni doppja: biex jikkumpensaw parti mid-dannu mġarrab mill-kreditur minħabba d-dewmien, u biex jissanzjonaw lid-debitur għall-ksur tal-kuntratt. Biex tiġi ffaċilitata l-wasla tal-imgħax u tal-kumpens f'każ ta' ħlasijiet tard għand il-kreditur, id-dritt li l-kreditur jiksibhom jenħtieġ li jkun awtomatiku, għajr meta ***jkun evidenti li*** d-debitur ma jkunx responsabbli għad-

dewmien fil-ħlas.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa flessibbiltà biex jiġi rrinunzjat id-dritt li jinkiseb imgħax għall-ħlasijiet tard, iżda mhux f'każijiet li fihom \ikun hemm żbilanċ tas-setgħa ta' negozjar.

Emenda 67
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li l-kreditur jirrinunzja d-dritt tiegħu li jikseb l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard, għax l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard għandhom funzjoni doppja: biex jikkumpensaw parti mid-dannu mġarrab mill-kreditur minħabba d-dewmien, u biex jissanzjonaw lid-debitur għall-ksur tal-kuntratt. Biex tiġi ffaċilitata l-wasla tal-imgħax u tal-kumpens f'każ ta' ħlasijiet tard għand il-kreditur, id-dritt li l-kreditur jiksibhom jenħtieġ li jkun awtomatiku, għajr meta d-debitur ma jkunx responsabbli għad-dewmien fil-ħlas.	(17) Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li l-kreditur jirrinunzja d-dritt tiegħu li jikseb l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard, għax l-imgħaxijiet għall-ħlasijiet tard għandhom funzjoni doppja: biex jikkumpensaw parti mid-dannu mġarrab mill-kreditur minħabba d-dewmien, u biex jissanzjonaw lid-debitur għall-ksur tal-kuntratt. Biex tiġi ffaċilitata l-wasla tal-imgħax u tal-kumpens f'każ ta' ħlasijiet tard għand il-kreditur, id-dritt li l-kreditur jiksibhom jenħtieġ li jkun awtomatiku, għajr meta d-debitur ma jkunx responsabbli għad-dewmien fil-ħlas ***u jkun hemm provi li dan ikun il-każ***.

Or. ro

Emenda 68
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-abbuż tal-libertà kuntrattwali għad-detriment tal-kreditur jenħtieġ li jkun evitat. ***Minħabba f'hekk, meta klawżola***	(21) L-abbuż tal-libertà kuntrattwali għad-detriment tal-kreditur jenħtieġ li jkun evitat.

f'kuntratt jew prattika, li tkun relatata mad-data jew mal-perjodu tal-ħlas, il-ħlas jew ir-rata tal-imgħax għall-ħlasijiet tard, jew il-kumpens għall-kostijiet tal-irkupru, li tkun testendi t-tul tal-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni jew li tkun iddewwem jew tevita intenzjonalment il-mument meta tintbagħat il-fattura, ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, u għalhekk jenħtieġ li tkun nulla u bla effett.

Or. en

Emenda 69
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-abbuż tal-libertà kuntrattwali għad-detriment tal-kreditur jenħtieġ li jkun evitat. Minħabba f'hekk, meta klawżola f'kuntratt jew prattika, li tkun relatata mad-data jew mal-perjodu tal-ħlas, il-ħlas jew ir-rata tal-imgħax għall-ħlasijiet tard, jew il-kumpens għall-kostijiet tal-irkupru, li tkun testendi t-tul tal-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni jew li tkun ***iddewwem jew tevita intenzjonalment il-mument meta tintbagħat il-fattura***, ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, u għalhekk jenħtieġ li tkun nulla u bla effett.	(21) L-abbuż tal-libertà kuntrattwali għad-detriment tal-kreditur jenħtieġ li jkun evitat. Minħabba f'hekk, meta klawżola f'kuntratt jew prattika, li tkun relatata mad-data jew mal-perjodu tal-ħlas, il-ħlas jew ir-rata tal-imgħax għall-ħlasijiet tard, jew il-kumpens għall-kostijiet tal-irkupru, li tkun testendi t-tul tal-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni jew li tkun ***tassenja l-kreditu lil parti terza***, ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, u għalhekk jenħtieġ li tkun nulla u bla effett.

Or. en

Emenda 70
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Biex jissaħħu l-isforzi għall-prevenzjoni tal-abbuż tal-libertà kuntrattwali għad-detriment tal-krediturі, l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti uffiċjalment biex jirrappreżentaw lill-krediturі jew l-organizzazzjonijiet b'interess leġittimu fir-rappreżentanza ta' intrapriżi jenħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali jew il-korpi amministrattivi biex jevitaw il-ħlasijiet tard.	(22) Biex jissaħħu l-isforzi għall-prevenzjoni tal-abbuż tal-libertà kuntrattwali għad-detriment tal-krediturі, l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti uffiċjalment biex jirrappreżentaw lill-krediturі jew l-organizzazzjonijiet b'interess leġittimu fir-rappreżentanza ta' intrapriżi jenħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali jew il-korpi amministrattivi biex jevitaw il-ħlasijiet tard ***u jtemmu termini u prattiki kuntrattwali nulli u bla effett***.

Or. en

Emenda 71
Laura Ballarín Cereza, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Biex jiżguraw il-ħlas sħiħ tal-ammont dovut, ***hu importanti li jkun żgurat li l-bejjiegħ*** iżomm id-dritt għat-titolu tal-oġġetti sakemm ikunu tħallsu kollha kemm huma, jekk qabel il-forniment tal-oġġetti, ix-xerrej u l-bejjiegħ kienu ftiehmu espliċitament fuq klawżola ta' żamma tat-titolu.	(23) Biex jiżguraw il-ħlas sħiħ tal-ammont dovut, ***tista' tiġi miftiehma ż-żamma tat-titolu għal oġġetti speċifiċi bħal oġġetti li jimxu bil-mod jew staġunali. F'tali ftehimiet, il-bejjiegħ*** iżomm id-dritt għat-titolu tal-oġġetti sakemm ikunu tħallsu kollha kemm huma, jekk qabel il-forniment tal-oġġetti, ix-xerrej u l-bejjiegħ kienu ftiehmu espliċitament fuq klawżola ta' żamma tat-titolu.

Or. en

Emenda 72
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Biex jiżguraw il-ħlas sħiħ tal-ammont dovut, hu importanti li jkun żgurat li l-bejjiegħ iżomm id-dritt għat-titolu tal-oġġetti sakemm ikunu tħallsu kollha kemm huma, jekk qabel il-forniment tal-oġġetti, ix-xerrej u l-bejjiegħ kienu ftiehmu espliċitament fuq klawżola ta' żamma tat-titolu.	(23) Biex jiżguraw il-ħlas sħiħ tal-ammont dovut, hu importanti li jkun żgurat li l-bejjiegħ ***bħala kreditur*** iżomm id-dritt għat-titolu tal-oġġetti sakemm ikunu tħallsu kollha kemm huma, jekk qabel il-forniment tal-oġġetti, ix-xerrej ***bħala debitur*** u l-bejjiegħ ***bħala kreditur*** kienu ftiehmu espliċitament fuq klawżola ta' żamma tat-titolu.

Or. en

Emenda 73
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Biex jiżguraw il-ħlas sħiħ tal-ammont dovut, hu importanti li jkun żgurat li l-bejjiegħ iżomm id-dritt għat-titolu tal-oġġetti sakemm ikunu tħallsu kollha kemm huma, jekk qabel il-forniment tal-oġġetti, ix-xerrej u l-bejjiegħ kienu ftiehmu espliċitament fuq klawżola ta' żamma tat-titolu.	(23) Biex jiżguraw il-ħlas sħiħ tal-ammont dovut, hu importanti li jkun żgurat li l-bejjiegħ iżomm id-dritt għat-titolu tal-oġġetti sakemm ikunu tħallsu kollha kemm huma, jekk qabel il-forniment tal-oġġetti, ix-xerrej u l-bejjiegħ kienu ftiehmu espliċitament fuq klawżola ta' żamma tat-titolu***, bħall-kunsinna***.

Or. en

Emenda 74
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, huwa importanti li tingħata t-trasparenza rigward id-drittijiet u l-obbligi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex ikun żgurat li jiġu applikati r-rati korretti tal-imgħax, huwa importanti li dawn jiġu ppubblikati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.	(24) Biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, huwa importanti li tingħata t-trasparenza rigward id-drittijiet u l-obbligi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex ikun żgurat li jiġu applikati r-rati korretti tal-imgħax, huwa importanti li dawn jiġu ppubblikati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. ***Sabiex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jżidu l-għarfien dwar ir-rimedji għall-ħlasijiet tard fost l-intrapriżi permezz ta' pubblikazzjonijiet u kampanji u jenħtieġ li jrawmu t-tixrid ta' prattiki tajbin, inkluż billi jħeġġu l-pubblikazzjoni ta' lista ta' dawk li jħallsu fil-pront.***

Or. en

Emenda 75
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, huwa importanti li tingħata t-trasparenza rigward id-drittijiet u l-obbligi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex ikun żgurat li jiġu applikati r-rati ***korretti*** tal-imgħax, huwa importanti li dawn jiġu ppubblikati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.	(24) Biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, huwa importanti li tingħata t-trasparenza rigward id-drittijiet u l-obbligi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex ikun żgurat li jiġu applikati r-rati ***rrakkomandati*** tal-imgħax, huwa importanti li dawn jiġu ppubblikati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 76
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Is-sanzjonijiet tal-ħlasijiet tard jistgħu jkunu dissważivi biss jekk ikunu akkumpanjati minn proċeduri ta' rimedju malajr u effettivi għall-kreditur. Għalhekk għall-krediturikollha stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jkun hemm disponibbli proċeduri ta' rkupru malajr għat-talbiet mhux ikkontestati.	(25) Is-sanzjonijiet tal-ħlasijiet tard jistgħu jkunu dissważivi biss jekk ikunu akkumpanjati minn proċeduri ta' rimedju malajr u effettivi għall-kreditur. Għalhekk għall-krediturikollha stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jkun hemm disponibbli proċeduri ta' rkupru malajr għat-talbiet mhux ikkontestati***, f'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 18 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***.

Or. en

Emenda 77
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Is-sanzjonijiet tal-ħlasijiet tard jistgħu jkunu dissważivi biss jekk ikunu akkumpanjati minn proċeduri ta' rimedju malajr u effettivi għall-kreditur. Għalhekk għall-krediturikollha stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jkun hemm disponibbli proċeduri ta' rkupru malajr għat-talbiet mhux ikkontestati.	(25) Is-sanzjonijiet tal-ħlasijiet tard jistgħu jkunu dissważivi biss jekk ikunu akkumpanjati minn proċeduri ta' rimedju malajr u effettivi għall-kreditur. Għalhekk għall-krediturikollha stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jkun hemm disponibbli proċeduri ta' rkupru malajr għat-talbiet mhux ikkontestati***, kif ukoll il-possibbiltà li jitressaq appell mal-Qorti ta' Arbitraġġ***.

Or. ro

Emenda 78
Tsvetelina Penkova, Maria Grapini, Brando Benifei, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Biex tiġi ffaċilitata u żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tiegħu, li jaqdu dmirhom u xogħolhom b'mod oġġettiv u ġust, u jiżguraw it-trattament indaqs tal-impriżi privati u l-awtoritajiet pubbliċi. Dawk l-awtoritajiet tal-infurzar jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'inizjattiva tagħhom stess, jaġixxu fuq l-ilmenti, u jingħataw is-setgħa fost l-oħrajn li jimponu sanzjonijiet u jippubblikaw id-deċiżjonijiet tagħhom b'mod regolari. Barra minn hekk, għal infurzar aktar effettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw l-għodod diġitali sa fejn ikun possibbli.	(26) Biex tiġi ffaċilitata u żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tiegħu, li jaqdu dmirhom u xogħolhom b'mod oġġettiv u ġust, u jiżguraw it-trattament indaqs tal-impriżi privati u l-awtoritajiet pubbliċi. Dawk l-awtoritajiet tal-infurzar jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'inizjattiva tagħhom stess, jaġixxu fuq l-ilmenti, u jingħataw is-setgħa fost l-oħrajn li jimponu sanzjonijiet u jippubblikaw id-deċiżjonijiet tagħhom b'mod regolari. ***Il-Kummissjoni għandha tissorvelja li l-awtoritajiet tal-infurzar iwettqu b'mod effiċjenti l-kompiti mogħtija lilhom minn dan ir-Regolament.*** Barra minn hekk, għal infurzar aktar effettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw l-għodod diġitali sa fejn ikun possibbli.

Or. en

Emenda 79
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Biex tiġi ffaċilitata u żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tiegħu, li jaqdu dmirhom u xogħolhom b'mod oġġettiv u ġust, u jiżguraw it-trattament indaqs tal-impriżi privati u l-awtoritajiet pubbliċi. Dawk l-awtoritajiet tal-infurzar jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'inizjattiva tagħhom stess, jaġixxu fuq l-ilmenti, u jingħataw is-setgħa fost l-oħrajn li jimponu sanzjonijiet u jippubblikaw id-deċiżjonijiet tagħhom b'mod regolari. Barra minn hekk, għal infurzar aktar effettiv, l-Istati Membri	(26) Biex tiġi ffaċilitata u żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tiegħu, li jaqdu dmirhom u xogħolhom b'mod oġġettiv u ġust, u jiżguraw it-trattament indaqs tal-impriżi privati u l-awtoritajiet pubbliċi. Dawk l-awtoritajiet tal-infurzar jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'inizjattiva tagħhom stess, jaġixxu fuq l-ilmenti, ***inklużi lmenti anonimi,*** u jingħataw is-setgħa fost l-oħrajn li jimponu sanzjonijiet u jippubblikaw id-deċiżjonijiet tagħhom b'mod regolari. Barra minn hekk, għal

jenħtieġ li jużaw l-għodod diġitali ***sa fejn ikun possibbli***.	infurzar aktar effettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw l-għodod diġitali ***li jipprovdu valur miżjud***.

Or. en

Emenda 80
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Biex tiġi ffaċilitata u żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tiegħu, li jaqdu dmirhom u xogħolhom b'mod oġġettiv u ġust, u jiżguraw it-trattament indaqs tal-impriżi privati u l-awtoritajiet pubbliċi. Dawk l-awtoritajiet tal-infurzar jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'inizjattiva tagħhom stess, jaġixxu fuq l-ilmenti, u jingħataw is-setgħa fost l-oħrajn li jimponu sanzjonijiet u jippubblikaw id-deċiżjonijiet tagħhom b'mod regolari. Barra minn hekk, għal infurzar aktar effettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw l-għodod diġitali ***sa fejn ikun possibbli***.	(26) Biex tiġi ffaċilitata u żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tiegħu, li jaqdu dmirhom u xogħolhom b'mod oġġettiv u ġust, u jiżguraw it-trattament indaqs tal-impriżi privati u l-awtoritajiet pubbliċi. Dawk l-awtoritajiet tal-infurzar jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'inizjattiva tagħhom stess, jaġixxu fuq l-ilmenti ***jew in-notifiki***, u jingħataw is-setgħa fost l-oħrajn li jimponu sanzjonijiet u jippubblikaw id-deċiżjonijiet tagħhom b'mod regolari. Barra minn hekk, għal infurzar aktar effettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw l-għodod diġitali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu ffaċilitati t-trasparenza, il-ġbir tad-data dwar il-ħlasijiet tard, u jiġi previst infurzar aħjar, l-awtorità tal-infurzar għandha tiġi nnotifikata meta jiġi estiż il-perjodu ta' ħlas (ara wkoll l-Artikolu 13(2a).

Emenda 81
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Il-fatturi jiskattaw it-talbiet għall-ħlas u huma dokumenti importanti fil-katina tat-tranżazzjonijiet tal-provvista tal-oġġetti u tas-servizzi, fost l-oħrajn, biex jiġu stabbiliti l-iskadenzi għall-ħlasijiet. Huwa importanti li jiġu promossi sistemi li jagħtu ċ-ċertezza legali rigward id-data eżatta tal-wasla tal-fatturi mid-debituri, inkluż fil-qasam tal-fatturazzjoni elettronika meta l-wasla tal-fatturi tista' tiġġenera evidenza elettronika, u li hi regolata parzjalment mid-dispożizzjonijiet dwar il-fatturazzjoni li hemm fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[49] u fid-Direttiva 2014/55/KE[50] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	(28) Il-fatturi jiskattaw it-talbiet għall-ħlas u huma dokumenti importanti fil-katina tat-tranżazzjonijiet tal-provvista tal-oġġetti u tas-servizzi, fost l-oħrajn, biex jiġu stabbiliti l-iskadenzi għall-ħlasijiet. Huwa importanti li jiġu promossi sistemi li jagħtu ċ-ċertezza legali rigward id-data eżatta tal-wasla tal-fatturi mid-debituri, inkluż fil-qasam tal-fatturazzjoni elettronika meta l-wasla tal-fatturi tista' tiġġenera evidenza elettronika ***u tista' tgħin ukoll fit-titjib tal-konformità mal-obbligi tal-VAT***, u li hi regolata parzjalment mid-dispożizzjonijiet dwar il-fatturazzjoni li hemm fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[49] u fid-Direttiva 2014/55/KE[50] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[49] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).	[49] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).
[50] Id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 1).	[50] Id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 1).

Or. en

Emenda 82
Stelios Kouloglou

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) L-introduzzjoni gradwali tal-fatturazzjoni elettronika obbligatorja tista' tnaqqas iż-żmien tal-ħlasijiet, iżżid il-kontroll tal-ħlasijiet u tinkoraġġixxi t-

tranżizzjoni diġitali tal-SMEs. L-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jappoġġaw lill-SMEs billi jiżguraw infrastruttura u appoġġ adegwati.

Or. en

Emenda 83
Brando Benifei

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin.	(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin. ***Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu pakkett finanzjarju adegwat għal dawn il-miżuri billi jallokawlhom sehem mill-ammonti miġbura mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi bħala penali imposti għall-ksur ta' dan ir-Regolament.***

Or. it

Emenda 84
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin.	(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin. ***Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiggarantixxu riżorsi adegwati għal dawn il-miżuri billi jallokaw parti mis-sanzjonijiet miġbura mill-awtoritajiet tal-infurzar għall-ksur ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 85
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-	(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment ***tal-mikrointrapriżi u*** tal-

ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin.

SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, ***il-mikrointrapriżi u*** l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien ***tal-mikrointrapriżi u*** tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli ***għall-mikrointrapriżi u*** għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin.

Or. ro

Emenda 86
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u	(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu***, inklużi s-servizzi ta' finanzjament,*** u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-

fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin.

taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin ***u s-servizzi ta' finanzjament***.

Or. en

Emenda 87
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi prevista li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin.	(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu***, fil-ġestjoni tal-fatturi*** u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi prevista li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li t-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu***, fil-ġestjoni tal-fatturi*** u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin.

Or. en

Emenda 88
Laurence Sailliet, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li ***t-taħriġ fil-ġestjoni*** tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin.	(29) L-aċċess effettiv tal-intrapriżi, speċjalment tal-SMEs, għat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju jista' jħalli impatt importanti biex jonqos id-dewmien tal-ħlasijiet, jinżammu flussi tal-flus ottimali, jonqos ir-riskju ta' inadempjenza u jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. Madankollu, l-SMEs ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità biex jinvestu f'taħriġ bħal dan, filwaqt li d-disponibbiltà attwali ta' taħriġ u materjal tat-taħriġ li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-għarfien tal-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u tal-fatturi hija limitata ħafna. Għalhekk jixraq jiġi previst li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li ***l-għodod tal-ġestjoni*** tal-kreditu***, inklużi t-taħriġ fil-fatturar*** u fil-litteriżmu finanzjarju jkun disponibbli u aċċessibbli għall-SMEs, inkluż it-taħriġ fl-użu tal-għodod diġitali għal ħlas fil-ħin.

Or. en

Emenda 89
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma marbuta mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51]. Ir-relazzjoni bejn id-Direttivi 2011/7/UE u (UE) 2019/633 hi spjegata fil-premessi (17) u (18) u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/633. Peress li dan ir-Regolament jissostitwixxi d-Direttiva 2011/7/UE, dan jenħtieġ li ma jkunx jaffettwa r-regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633, inkluż id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ħlasijiet li jsiru fil-	***imħassra***

kuntest tal-iskema tal-iskejjel[52], il-ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tal-valur[53] u ċerti ħlasijiet għall-bejgħ tal-għeneb, tal-most u tal-inbid bl-ingrossa fis-settur tal-inbid[54], għajr għall-iskadenzi applikabbli għall-perjodi massimi tal-ħlas dwar il-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux. Madankollu, dan ir-Regolament ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għas-settur agrikolu u alimentari li jkunu jipprevedu perjodi tal-ħlas aktar stretti, jew kalkolu differenti tal-perjodi tal-ħlas, dies a quo u proċeduri ta' verifika u aċċettazzjoni għall-forniturи tal-prodotti agrikoli u alimentari li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur.

---

[51] Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59).

[52] L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[53] L-Artikolu 172a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[54] L-Artikolu 147a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Or. en

Emenda 90
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma marbuta mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51]. Ir-relazzjoni bejn id-Direttivi 2011/7/UE u (UE) 2019/633 hi spjegata fil-premessi (17) u (18) u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/633. Peress li dan ir-Regolament jissostitwixxi d-Direttiva 2011/7/UE, dan jenħtieġ li ma jkunx jaffettwa r-regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633, inkluż id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ħlasijiet li jsiru fil-kuntest tal-iskema tal-iskejjel[52], il-ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tal-valur[53] u ċerti ħlasijiet għall-bejgħ tal-għeneb, tal-most u tal-inbid bl-ingrossa fis-settur tal-inbid[54], għajr għall-iskadenzi applikabbli għall-perjodi massimi tal-ħlas dwar il-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux. Madankollu, dan ir-Regolament ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għas-settur agrikolu u alimentari li jkunu jipprevedu perjodi tal-ħlas aktar stretti, jew kalkolu differenti tal-perjodi tal-ħlas, dies a quo u proċeduri ta' verifika u aċċettazzjoni għall-fornituri tal-prodotti agrikoli u alimentari li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur.	(30) Ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma marbuta mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51] ***u mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 1308/2013***. Ir-relazzjoni bejn id-Direttivi 2011/7/UE u (UE) 2019/633 hi spjegata fil-premessi (17) u (18) u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/633. Peress li dan ir-Regolament jissostitwixxi d-Direttiva 2011/7/UE, dan jenħtieġ li ma jkunx jaffettwa r-regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633, inkluż id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ħlasijiet li jsiru fil-kuntest tal-iskema tal-iskejjel[52], il-ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tal-valur[53] u ċerti ħlasijiet għall-bejgħ tal-għeneb, tal-most u tal-inbid bl-ingrossa fis-settur tal-inbid[54], għajr għall-iskadenzi applikabbli għall-perjodi massimi tal-ħlas dwar il-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux. Madankollu, dan ir-Regolament ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għas-settur agrikolu u alimentari li jkunu jipprevedu perjodi tal-ħlas aktar stretti, jew kalkolu differenti tal-perjodi tal-ħlas, dies a quo u proċeduri ta' verifika u aċċettazzjoni għall-fornituri tal-prodotti agrikoli u alimentari li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur. ***Dan ir-regolament ma għandux jibqa' jaffettwa r-regoli stabbiliti mill-Artikolu 147a tar-Regolament (UE) 1308/2013, li jippermetti dispożizzjonijiet applikabbli għall-pagamenti tal-bejgħ tal-inbid bl-ingrossa.***

[51]Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59).

[52] L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[53] L-Artikolu 172a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[54]L-Artikolu 147a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[51]Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59).

[52] L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[53] L-Artikolu 172a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[54]L-Artikolu 147a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Or. fr

Emenda 91
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) L-obbligi ta' trasparenza fejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpaniji kbar jiżvelaw informazzjoni dwar il-perjodi medji ta' ħlas tagħhom jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali. L-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpaniji kbar jenħtieġ li jiżvelaw il-perjodi medji ta' ħlas tagħhom biex

iħallsu l-fatturi u jirċievu l-ħlasijiet, u b'hekk itejbu l-obbligu ta' rendikont. Billi jagħti s-setgħa lis-suq b'informazzjoni kruċjali, dan ir-reġistru għandu l-għan li jiffaċilita negozjati aktar ġusti b'offerta ta' prezzijiet li tirrifletti l-kostijiet ta' ħlasijiet tard potenzjali, ittejjeb ir-reputazzjoni tas-suq għall-awtoritajiet pubbliċi u kumpaniji bi prattiki ta' ħlas pożittivi, u tikkontribwixxi għal bidla kulturali lejn tranżazzjonijiet f'waqthom. L-SMEs huma mħeġġa iżda mhux obbligati jagħmlu dan, peress li jista' jirrappreżenta piż amministrattiv sproporzjonat għalihom. Il-korpi regolatorji jenħtieġ li jużaw ir-reġistru biex jimmonitorjaw il-konformità legali u jrawmu politiki governattivi effettivi biex jindirizzaw l-isfidi marbuta mal-ħlasijiet tard.

Or. en

Emenda 92
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Dan ir-Regolament għandu l-objettivi li jiġġieled kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali ħalli jkun żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern u b'hekk titrawwem il-kompetittività tal-intrapriżi u, b'mod partikolari, tal-SMEs. Dawk l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għax l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet nazzjonali aktarx li toħloq regoli mhux uniformi, frammentazzjoni fis-suq uniku u kostijiet akbar għall-kumpaniji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri. Għalhekk, dawk l-objettivi jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-	(31) Dan ir-Regolament għandu l-objettivi li jiġġieled kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali ħalli jkun żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern u b'hekk titrawwem il-kompetittività tal-intrapriżi u, b'mod partikolari, tal-SMEs. Dawk l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għax l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet nazzjonali aktarx li toħloq regoli mhux uniformi, frammentazzjoni fis-suq uniku u kostijiet akbar għall-kumpaniji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri. Għalhekk, dawk l-objettivi jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-

prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. ***F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.***	prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
	Or. en

Emenda 93
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Dan ir-Regolament għandu l-objettivi li jiġġieled kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali ħalli jkun żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern u b'hekk titrawwem il-kompetittività tal-intrapriżi u, b'mod partikolari, tal-SMEs. Dawk l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għax l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet nazzjonali aktarx li toħloq regoli mhux uniformi, frammentazzjoni fis-suq uniku u kostijiet akbar għall-kumpaniji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri. Għalhekk, dawk l-objettivi jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.	(31) Dan ir-Regolament għandu l-objettivi li jiġġieled kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali ħalli jkun żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern u b'hekk titrawwem il-kompetittività tal-intrapriżi u, b'mod partikolari, ***tal-mikrointrapriżi u*** tal-SMEs. Dawk l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għax l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet nazzjonali aktarx li toħloq regoli mhux uniformi, frammentazzjoni fis-suq uniku u kostijiet akbar għall-kumpaniji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri. Għalhekk, dawk l-objettivi jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.
	Or. ro

Emenda 94
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jirrieżaminaw ukoll soluzzjonijiet oħra biex jiġġieldu l-ħlasijiet tard barra minn dan ir-Regolament, pereżempju, sabiex jindirizzaw problemi fejn xerrejja kbar, bħal bejjiegħa bl-imnut kbar jew gvernijiet, jużaw is-setgħa tal-akkwist tagħhom biex iġiegħlu lill-bejjiegħa żgħar jaċċettaw it-termini tal-ħlas tagħhom. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jistgħu jkunu aktar effettivi fil-ġestjoni ta' każijiet individwali. Forsi jenħtieġ li jiġi evalwat anke l-permess ta' infurzar kontra l-korpi pubbliċi li ma jħallsux fil-ħin.

Or. en

Emenda 95
Andreas Schwab, Christian Doleschal, Geoffroy Didier, Barbara Thaler, Marion Walsmann, Lara Comi, Maria da Graça Carvalho

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Biex jingħata biżżejjed żmien lill-atturi rilevanti kollha ħalli jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għall-konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-applikazzjoni tiegħu tiġi differita. ***Madankollu, biex*** tkun żgurata ***protezzjoni aħjar tal-krediturі, it-tranżazzjonijiet kummerċjali li jridu jitħallsu*** wara ***d-data tad-dħul*** fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ***jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tiegħu, anki jekk il-kuntratt*** rilevanti ***jkun ġie ffirmat qabel***	(32) Biex jingħata biżżejjed żmien lill-atturi rilevanti kollha ħalli jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għall-konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-applikazzjoni tiegħu tiġi differita. ***Sabiex*** tkun żgurata ***ċ-ċertezza legali, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw għal tranżazzjonijiet iffirmati*** wara ***d-dħul*** fis-seħħ ***tiegħu. Fil-każ ta' obbligi fit-tul, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament diġà japplikaw għal tranżazzjonijiet konklużi qabel id-dħul fis-***

id-data tal-applikazzjoni tiegħu,	***seħħ*** ta' dan ir-Regolament ***għall-parti tar-remunerazzjoni li għandha titħallas wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Id-data*** rilevanti ***hija d-data tal-wasla tal-fattura***.

Or. en

Emenda 96
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kamp ta' applikazzjoni	***Suġġett u*** kamp ta' applikazzjoni

Or. en

Emenda 97
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 -paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġġieled il-ħlasijiet tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, biex b'hekk titrawwem il-kompetittività tal-intrapriżi u, b'mod partikolari, tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs.

Or. en

Emenda 98
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Dan ir-regolament ma għandux japplika għal tranżazzjonijiet bejn intrapriżi kbar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kawża ewlenija tal-ħlasijiet tard tinsab fl-iżbilanċ tas-setgħa tan-negozjar. Billi l-intrapriżi kbar għandhom setgħa ta' negozjar relattivament ugwali, it-tranżazzjonijiet bejn intrapriża kbira u intrapriża kbira oħra għandhom jiġu eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ma għandux japplika għal tranżazzjonijiet bejn l-SMEs b'mod ġenerali, peress li d-differenzi bejn is-setgħa ta' negozjar fost l-SMEs jistgħu relattivament ikunu aktar inugwali.

Emenda 99
Laura Ballarín Cereza, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal ftehimiet ta' kunsinna.

Or. en

Emenda 100
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	aa) il-pagamenti li jsiru għal oġġetti u servizzi li jibbenefikaw mill-Artikolu 164 tad-Direttiva 2006/112/KE u esportati lejn pajjiżi terzi;

Or. fr

Emenda 101
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħlasijiet bħala kumpens għad-danni, inkluż il-ħlasijiet minn kumpaniji tal-assigurazzjoni;	(b) il-ħlasijiet bħala kumpens għad-danni, inkluż il-ħlasijiet minn kumpaniji tal-assigurazzjoni***, eskluż kumpens għall-kostijiet ta' rkupru skont l-Artikolu 8***;

Or. en

Emenda 102
Róża Thun und Hohenstein

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ħlasijiet bħala kumpens għad-danni***, inkluż il-ħlasijiet minn kumpaniji tal-assigurazzjoni***;	(b) il-ħlasijiet bħala kumpens għad-danni;

Or. en

Emenda 103
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-ħlasijiet li jirriżultaw minn obbligi li jistgħu jiġu kkanċellati, posposti, jew rinunzjati skont jew b'rabta ma' proċedimenti ta' insolvenza jew	(c) il-ħlasijiet li jirriżultaw minn obbligi ***lejn debituri privati*** li jistgħu jiġu kkanċellati, posposti, jew rinunzjati skont jew b'rabta ma' proċedimenti ta'

proċedimenti ta' ristrutturar, inkluż proċedimenti ta' ristrutturar preventiv skont id-Direttiva (UE) 2019/1023[55] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	insolvenza jew proċedimenti ta' ristrutturar, inkluż proċedimenti ta' ristrutturar preventiv skont id-Direttiva (UE) 2019/1023[55] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[55] Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18).	[55] Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18).

Or. en

Emenda 104
Geoffroy Didier, Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-ħlasijiet li jirriżultaw mix-xiri, il-bejgħ, il-kunsinna, il-kummissjoni jew l-operazzjonijiet ta' aġenzija li jikkontribwixxu għall-manifattura tal-kotba, kif ukoll għall-provvista tal-karta u konsumabbli oħra dedikati għall-istampar, il-legatura jew il-pubblikazzjoni tal-kotba,– fil-pożizzjoni speċjali tagħhom bħala prodotti kulturali li jimxu bil-mod – fejn it-termini tal-ħlas għandhom jiġu ddefiniti bi ftehim bejn il-partijiet ikkonċernati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Apart from bestselling books, most books stay on bookshop shelves for 6 to 12 months, or even longer. This means that a bookshop's stock rotates (i.e., the entire stock is sold) less frequently than in other retail trades (on average every 3.43 months) and, therefore,

bookshops do not make an immediate profit on the books they stock. If one compares this to trade in perishable goods, where stock rotation is by nature much quicker, the difference between a slow-moving product (book) in the bookselling trade and a sector with faster-moving products becomes evident. Payment and invoicing obligations should therefore also be differentiated.Book publishers, in turn, rely on a healthy network of booksellers to display the wealth of titles that underpin Europe's cultural diversity and that make book publishing the largest cultural industry in the EU. Longer payment terms also reflect the long-term investments that publishers make on authors, who get paid in advance but might need months or years to become successful, and require the exposure of their books in the highest possible number of outlets.

Emenda 105
Róża Thun und Hohenstein

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Minkejja l-punt (b), il-ħlasijiet magħmula bħala twettiq tal-obbligi li joħorġu minn kuntratti ta' assigurazzjoni għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 106
Anne Sander, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca) il-pagamenti li jsiru għal oġġetti u servizzi li jibbenefikaw mill-Artikolu 164 tad-Direttiva 2006/112/KE u esportati barra mill-Unjoni Ewropea.

Or. fr

Emenda 107
Andreas Schwab, Christian Doleschal, Geoffroy Didier, Barbara Thaler, Marion

Walsmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għajr għall-Artikolu 3(1), dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prattika kummerċjali inġusta għadha kif daħlet fis-seħħ f'Mejju 2021. L-ewwel rapport ta' evalwazzjoni huwa fl-1 ta' Novembru 2025. Sa dak il-jum, ma għandu jiġi introdott l-ebda tibdil sostanzjali barra reviżjoni tal-prattika kummerċjali inġusta kollha.

Emenda 108
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għajr għall-Artikolu 3(1), dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633.	4. Għajr għall-Artikolu 3(1), dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633 ***u dawk tar-Regolament (UE) 1308/2013***.

Or. fr

Emenda 109
Anne Sander, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għajr għall-Artikolu 3(1), dan ir-	4. Għajr għall-Artikolu 3(1), dan ir-

Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633.	Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti ***fir-Regolament (UE) 1308/2013 u*** fid-Direttiva (UE) 2019/633.

Or. fr

Emenda 110
Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Għajr għall-Artikolu 3(1),*** dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633.	4. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li dan ir-Regolament ma jaffettwax id-direttiva dwar il-prattika kummerċjali inġusta.

Emenda 111
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Għajr għall-Artikolu 3(1),*** dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633.	4. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633.

Or. en

Emenda 112
Laurence Sailliet, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Għajr għall-Artikolu 3(1),*** dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633.	4. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633.

Or. en

Emenda 113
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) "tranżazzjonijiet kummerċjali" tfisser tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi jew bejn l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi li jwasslu għall-forniment ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi għar-remunerazzjoni;

Or. en

Emenda 114
Tom Vandenkendelaere

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "intrapriża" tfisser ***organizzazzjoni, irrispettivament mill-forma u l-mod tal-finanzjament tagħha, li twettaq attività ekonomika jew professjonali b'mod***	(1) "intrapriża ***ta' daqs żgħir u medju***" tfisser ***kwalunkwe organizzazzjoni li timpjega inqas minn 250 persuna b'fatturat annwali ta' mhux aktar minn***

indipendenti;	***EUR 50 miljun, u/jew total tal-karta tal-bilanċ annwali ta' mhux aktar minn EUR 43 miljun, kif definit fl-Artikolu 2 tal-anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[1a]***;
	[1a] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

Emenda 115
Tom Vandenkendelaere

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "intrapriża kbira" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni li ma taqax taħt id-definizzjoni tal-Artikolu 2(1), il-punt (1);

Or. en

Emenda 116
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "intrapriża kbira" tfisser intrapriża kif definita fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2013/34/UE;

Or. en

Emenda 117
Tom Vandenkendelaere

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) "inġust għall-aħħar" tirreferi għal terminu jew prattika kuntrattwali li tikkawża li s-setgħa ta' negozjar bejn id-debitur u l-kreditur tkun żbilanċjata, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi li ġejjin: (a) kull devjazzjoni kbira minn prassi kummerċjali tajba, li tmur kontra l-bona fide u n-negozjar ġust; (b) in-natura tal-prodott jew tas-servizz; u (c) jekk id-debitur għandux xi raġuni oġġettiva biex jiddevja mill-perjodu tal-ħlas kif imsemmi fl-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 118
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) "intrapriża żgħira jew ta' daqs medju" jew "SME" tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha, li ma tkunx parti minn grupp kbir, peress li dawk it-termini huma definiti fl-Artikolu 3(1), (2), (3) u (7) tad-Direttiva 2013/34/UE;

Or. en

Emenda 119
Andreas Schwab, Christian Doleschal, Geoffroy Didier, Barbara Thaler, Lara Comi, Maria da Graça Carvalho

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "awtorità kontraenti" tfisser awtorità kontraenti kif definit fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/23/UE, fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/24/UE jew fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE;	(2) "awtorità kontraenti" tfisser awtorità kontraenti kif definit fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/23/UE, fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/24/UE jew fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE***, irrispettivament mis-suġġett jew il-valur tal-kuntratt***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa emenda biex jiġi ċċarat sa liema firxa l-awtoritajiet pubbliċi se jiġu indirizzati bħala debituri fi tranżazzjonijiet G2B, peress li l-leġiżlazzjoni sekondarja msemmija fiha limiti ekonomiċi u eċċezzjonijiet. Id-direttiva dwar il-ħlas tard fiha l-kjarifika ta' "irrispettivament mis-suġġett jew il-valur tal-kuntratt fl-Artikolu 2, il-punt (2) tad-Direttiva 2011/7/UE" li tħalliet barra fir-Regolament propost mill-Kummissjoni.

Emenda 120
Laura Ballarín Cereza, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "ħlas tard" tfisser ħlas li ma jsirx fil-perjodu tal-ħlas kuntrattwali jew statutorju kif stabbilit fl-Artikolu 3;	(3) "ħlas tard" tfisser ħlas li ma jsirx fil-perjodu tal-ħlas kuntrattwali jew statutorju kif stabbilit fl-Artikolu 3 ***jew dewmien kif stabbilit fl-Artikolu 5(1)***;

Or. en

Emenda 121
Laurence Sailliet, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "ħlas tard" tfisser ħlas li ma jsirx fil-perjodu tal-ħlas kuntrattwali jew statutorju kif stabbilit fl-Artikolu 3;	(3) "Ħlas tard" tfisser ħlas ***tal-ammont dovut*** li ma jsirx fil-perjodu tal-ħlas kuntrattwali jew statutorju kif stabbilit fl-Artikolu 3;

Or. en

Emenda 122
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "ħlas tard" tfisser ħlas li ma jsirx fil-perjodu tal-ħlas kuntrattwali jew statutorju kif stabbilit fl-Artikolu 3;	(3) "Ħlas tard" tfisser ħlas ***tal-ammont dovut*** li ma jsirx fil-perjodu tal-ħlas kuntrattwali jew statutorju kif stabbilit fl-Artikolu 3;

Or. en

Emenda 123
Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a) "dokument ta' pagament": kwalunkwe fattura, nota ta' kreditu u talba għall-pagament ekwivalenti;

Or. it

Emenda 124
Stéphanie Yon-Courtin, Dita Charanzová, Catharina Rinzema, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika" tfisser il-proċedura biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti fornuti jew tas-servizzi mogħtija mar-rekwiżiti tal-kuntratt;	(7) "proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika" tfisser il-proċedura biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti fornuti jew tas-servizzi mogħtija mar-rekwiżiti tal-kuntratt ***kif ukoll il-verifika tal-korrettezza u l-konformità tal-fattura***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-premessa 12 eżistenti tar-Regolament.

Emenda 125
Alessandra Basso, Marco Campomenosi, Antonio Maria Rinaldi, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika" tfisser il-proċedura biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti fornuti jew tas-servizzi mogħtija mar-rekwiżiti tal-kuntratt;	(7) "proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika" tfisser il-proċedura biex tiġi żgurata l-konformità tal-oġġetti fornuti jew tas-servizzi mogħtija mar-rekwiżiti tal-kuntratt ***kif ukoll il-verifika tal-korrettezza u l-konformità tal-fattura***;

Or. en

Emenda 126
Maria da Graça Carvalho

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika" tfisser il-proċedura biex tiġi	(7) "proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika" tfisser il-proċedura biex tiġi

żgurata l-konformità tal-oġġetti fornuti jew tas-servizzi mogħtija mar-rekwiżiti tal-kuntratt;	żgurata l-konformità tal-oġġetti fornuti jew tas-servizzi mogħtija mar-rekwiżiti tal-kuntratt***, kif ukoll il-verifika tal-korrettezza u l-konformità tal-fattura***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li żżomm iċ-ċertezza legali u tiżgura koerenza mal-premessa (12).

Emenda 127
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "debitur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew awtorità pubblika, li trid tħallas għal prodott jew servizz mogħti;	(8) "debitur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew awtorità pubblika, li trid tħallas ***lil hinn mill-perjodu ta' ħlas stabbilit fl-Artikolu 3*** għal prodott jew servizz mogħti;

Or. en

Emenda 128
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "kreditur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew awtorità pubblika, li ***forniet oġġetti jew tat servizzi*** lil debitur.	(9) "kreditur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew awtorità pubblika, li ***ma tkunx irċeviet ħlas fil-perjodu ta' ħlas stabbilit fl-Artikolu 3 għal oġġett fornut jew servizz ipprovdut*** lil debitur.

Or. en

Emenda 129
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "kreditur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika***, jew awtorità pubblika,*** li forniet oġġetti jew tat servizzi lil debitur.	(9) "kreditur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li forniet oġġetti jew tat servizzi lil debitur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 1(1) dwar il-kamp ta' applikazzjoni: "dan ir-Regolament għandu japplika għal ħlasijiet magħmula fi tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi jew bejn l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur". Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jinkludix l-awtorità pubblika bħala kreditur.

Emenda 130
Pablo Arias Echeverría

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) "prodotti b'rotazzjoni baxxa": prodotti li la huma tal-ikel u lanqas tal-konsum mill-massa u li għandhom rotazzjoni baxxa, fejn rotazzjoni baxxa tfisser li l-prodott jibqa' fil-pussess tal-bejjiegħ, mill-forniment effettiv mingħand il-manifattur jew il-bejjiegħ bl-ingrossa sal-bejgħ finali bl-imnut, għal perjodu medju li jaqbeż is-60 jum;

Or. es

Emenda 131
Laura Ballarín Cereza, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) "mezz ta' ħlas" tfisser l-istrument użat biex titħallas il-fattura, li mhux se jinvolvi kost għall-kreditur kif stabbilit fl-Artikolu 3(2).

Or. en

Emenda 132
Maria da Graça Carvalho

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) "intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs)" tfisser kwalunkwe entità kif definita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE;

Or. en

Emenda 133
Jordi Cañas

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) "prodotti staġunali" tfisser kwalunkwe prodott li d-domanda tiegħu tiżdied b'mod sinifikanti f'ċerti żminijiet jew staġuni tas-sena;

Or. en

Emenda 134
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9 a) "dokument ta' pagament": kwalunkwe fattura, nota ta' kreditu u talba għall-pagament ekwivalenti

Or. it

Emenda 135
Jordi Cañas

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) "prodotti b'rotazzjoni baxxa" tfisser kwalunkwe prodott ikkaratterizzat li jinżamm mill-bejjiegħ, mill-provvista sal-bejgħ bl-imnut finali, għal perjodu medju ta' aktar minn 60 jum.

Or. en

Emenda 136
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) "mezz ta' ħlas": l-istrument użat biex titħallas il-fattura, li ma jikkawżax spejjeż lill-kreditur, b'konformità mal-Artikolu 3.2.

Or. fr

Emenda 137
Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Perjodi tal-ħlas	Perjodi tal-ħlas ***fit-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi***

Or. en

Emenda 138
Martina Dlabajová, Dita Charanzová

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Perjodi tal-ħlas	Perjodi tal-ħlas ***bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi***

Or. en

Emenda 139
Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, ***diment*** li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. ***Dan il-perjodu għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u anki bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi.***	1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali ***meta d-debitur ikun awtorità pubblika***, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, dment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi.

L-istess perjodu tal-ħlas għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom responsabbiltà speċjali f'dan ir-rigward u ma humiex affettwati mil-likwidità u l-fluss tal-flus bħala intrapriżi privati. Minħabba din ir-raġuni, huwa meħtieġ artikolu dedikat għal tranżazzjonijiet kummerċjali meta d-debitur ikun awtorità pubblika.

Emenda 140
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż ***it-30*** jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, ***diment*** li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Dan il-perjodu għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u ***anki*** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi. ***L-istess perjodu*** tal-ħlas għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.	1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż ***is-60*** jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, ***dment*** li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Dan il-perjodu għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi ***mikro, żgħar u medji, skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tad-Direttiva (UE) 2013/34,*** u ***anke*** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi. ***Fil-każ li d-debitur ikun intrapriża kbira skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-paragrafu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/34, awtorità pubblika jew persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku, u l-kreditur ta' intrapriża mikro, żgħira jew medja, il-perjodu*** tal-ħlas ***ma jaqbiżx it-30 jum kalendarju***. ***Il-***

	perjodu tal-ħlas ta' 60 jum għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

It-tnaqqis tal-perjodu tal-ħlas għal massimu ta' 30 jum għat-tranżazzjonijiet kollha kummerċjali se jkollu impatt negattiv ferm fuq l-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs. Il-perjodi tal-ħlas mill-intrapriżi kbar għall-SMEs u l-awtoritajiet pubbliċi, fil-kuntest ta' akkwist pubbliku jew le, għall-SMEs għandhom ikunu aktar stretti u ma għandhom qatt jaqbżu t-30 jum.

Emenda 141
Tom Vandenkendelaere

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, ***diment*** li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. ***Dan il-perjodu għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u anki bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi.*** L-istess ***perjodu*** tal-ħlas ***għandu japplika wkoll*** għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.	1. ***Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn intrapriżi kbar u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, dment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi kbar, il-partijiet jistgħu jiftiehmu fuq perjodu itwal ta' ħlas, sakemm dan il-perjodu ma jkunx manifestament inġust għall-kreditur.*** Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali ***fejn id-debitur ikun awtorità pubblika***, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, dment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. L-

istess ***perjodi*** tal-ħlas ***għandhom japplikaw ukoll*** għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.

Or. en

Emenda 142
Stéphanie Yon-Courtin, Dita Charanzová, Catharina Rinzema, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, ***diment*** li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Dan il-perjodu għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u ***anki*** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi. L-istess perjodu tal-ħlas għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.	1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, dment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Dan il-perjodu għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u ***anke*** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi. ***L-intrapriżi jistgħu jiftiehmu b'mod reċiproku dwar perjodu itwal ta' ħlas, ħlief f'każijiet li fihom id-debitur ikun intrapriża kbira skont it-tifsira tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2013/34/UE jew awtorità kontraenti u l-kreditur ikun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju (SMEs) skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.*** L-istess perjodu tal-ħlas għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma

jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Reducing payment terms does not necessarily lead to reducing late payments. While we understand the need for a standard statutory payment term of 30 days, we also recognise the legitimate interests of SMEs to have the flexibility and maintain contractual freedom to be able to mutually agree on longer payments terms, for example for the purpose of providing liquidity for fast-growing SMEs and to allow cash management for SMEs who process their supplies into new products (long production time) or trade in slow moving consumer goods. The Regulation should target the essence of the problem regarding payment terms: the imbalance of negotiating power between large companies and SMEs. Therefore, a strict payment term of 30 days without exceptions should only apply for payments from large companies and public authorities to SMEs, while maintaining more flexibility in other B2B relations.

Emenda 143
Anne Sander, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, ***diment*** li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Dan il-perjodu għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u ***anki*** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi. L-istess perjodu tal-ħlas għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.	1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, ***dment*** li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Dan il-perjodu għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u ***anke*** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi. ***L-intrapriżi jistgħu jaqblu fuq perjodu tal-ħlas itwal, għajr f'każ li d-debitur ikun awtorità kontraenti jew intrapriża kbira skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2013/34, u l-kreditur ikun mikrointrapriża jew SME.*** L-istess perjodu tal-ħlas għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż

	tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.

Or. fr

Emenda 144
Maria da Graça Carvalho

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, ***diment*** li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Dan il-perjodu għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u ***anki*** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi. L-istess perjodu tal-ħlas għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.	1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali ***bejn l-SMEs, l-SMEs u l-intrapriżi jew l-intrapriżi kbar u l-awtoritajiet pubbliċi, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur***, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, dment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Dan il-perjodu għandu japplika ***wkoll*** kemm għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi u ***anke*** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi***, sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor f'termini ċari u mhux ambigwi fil-kuntratt***. L-istess perjodu tal-ħlas għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.

Or. en

Emenda 145
Jordi Cañas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali. ***Il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju wara li tkun saret dik il-proċedura.***

sakemm ma jkunx inġust għall-aħħar għall-kreditur skont it-tifsira tal-Artikolu 9. F'dan il-każ, id-debitur għandu jibda l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Commission did not provide sufficient evidence that contractual freedom should be abolished. In particular, the impact assessment did not assess the loss of benefits of contractual freedom, nor benefits of late payments. For example, late payments might be a form of trade credit that is also valuable to sellers, who can use it as a tool to sustain the growth of business partners in financial difficulty and to maintain profitable business relationships. Sellers may choose to finance their customers through trade credit because they can be better informed about their credibility than financial intermediaries.

Emenda 184
Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-kuntratt jipprevedi proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tul massimu ta' dik il-proċedura ma għandux jaqbeż ***it-30*** jum kalendarju mid-data tal-wasla tal-oġġetti jew tas-servizzi mingħand id-debitur, ***anki*** jekk dawk il-oġġetti jew is-servizzi jkunu ngħataw qabel il-ħruġ ***tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas***. F'dan il-każ, id-debitur għandu jibda l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali. Il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju wara li tkun saret dik il-proċedura.	3. Meta l-kuntratt jipprevedi proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tul massimu ta' dik il-proċedura ma għandux jaqbeż ***il-15-il*** jum kalendarju mid-data tal-wasla tal-oġġetti jew tas-servizzi mingħand id-debitur, ***anke*** jekk dawk il-oġġetti jew is-servizzi jkunu ngħataw qabel il-ħruġ ***tad-dokument ta' pagament***. F'dan il-każ, id-debitur għandu jibda l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali. Il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju wara li tkun saret dik il-proċedura.

Or. it

Emenda 185
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga mill-paragrafu 1, il-partijiet jistgħu jaqblu espressament dwar perjodu ta' ħlas itwal, dment li din l-estensjoni ma tikkostitwix abbuż ċar fir-rigward tal-kreditur, jew dment li dan il-perjodu jkun ġustifikat oġġettivament mill-karatteristiċi tal-attività ekonomika.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom iżommu l-possibbiltà biex il-partijiet ikkonċernati jadottaw kuntrattwalment perjodi itwal (li ma jaqbżux il-limitu ta' 90 jum, pereżempju), pereżempju għal prodotti li, min-natura tagħhom stess, idumu żmien twil biex jinbiegħu (ġojjellerija, makkinarju, prodotti elettroniċi li jiswew ħafna flus, eċċ.) milli għal prodotti li l-bejgħ tagħhom huwa ferm staġonali (ġugarelli barra mill-perjodu tal-Milied, prodotti tal-iski fis-sajf, eċċ.).

Emenda 186
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Madankollu, skadenzi itwal tal-ħlas jistgħu jiġu stabbiliti fil-forma ta' ftehimiet reċiproċi bejn il-partijiet involuti fil-produzzjoni u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti kulturali li jimxu bil-mod b'ċikli operattivi uniċi u b'rotazzjoni tal-istokks.

Or. ro

Emenda 187
Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa ***l-perjodu massimu tal-ħlas u huwa*** mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar li jista' jkun previst fil-liġi nazzjonali.	4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar ***jew perjodi derogatorji itwal f'konformità mal-paragrafu 1a,*** li jista' jkun previst fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 188
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 ***huwa l-perjodu massimu tal-ħlas u*** huwa mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar li jista' jkun previst fil-liġi nazzjonali.	4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar li jista' jkun previst fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 189
Laurence Sailliet, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 ***huwa l-perjodu massimu tal-ħlas u*** huwa mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar li jista' jkun previst fil-liġi nazzjonali.	4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar li jista' jkun previst fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 190
Anne Sander, Geoffroy Didier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa l-perjodu massimu tal-ħlas u huwa mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar li jista' jkun previst fil-liġi nazzjonali.	4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa l-perjodu massimu tal-ħlas u huwa mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar li jista' jkun previst fil-liġi nazzjonali. ***Perjodu tal-ħlas derogatorju jista' xorta jiġi maqbul fil-livell nazzjonali permezz ta' ftehim tas-settur, sabiex jittieħed kont tal-karatteristiċi tal-attività ekonomika, f'każ ta' staġonalità tal-bejgħ jew ta' rotazzjoni dgħajfa tal-istokks tal-merkanzija.***

Or. fr

Emenda 191
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li intrapriża li hija kreditur skont it-tifsira tal-Artikolu 2(9) tkun tista' tikseb fuq talba lill-awtorità pubblika li ma tkunx ħallset l-ammont dovut fil-perjodu massimu ta' ħlas stabbilit fil-paragrafu 1, it-tpaċija tal-ammont dovut ma' kull ammont pendenti li l-kreditur ikollu lejn l-istess awtorità pubblika.

Or. en

Emenda 192
Stéphanie Yon-Courtin, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. B'deroga mill-paragrafu 1, il-liġi nazzjonali, bi ftehim tal-industrija, tista' tipprovdi perjodi itwal tal-ħlas f'setturi ekonomiċi speċifiċi sakemm tali perjodu itwal ikun iġġustifikat minn raġunijiet ekonomiċi oġġettivi, speċifiċi għal dawk is-setturi bħal karatteristiċi tal-attività ekonomika fil-każ ta' bejgħ staġunali jew fatturat baxx ta' stokks ta' oġġetti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Due to the specific nature of some products(books, jewelry, watchmaking, leather goods, toys, snow sport goods etc..) and method of financing (hospital facilities), these sectors are subject to two major constraints that structure their entire production and distribution chain: the seasonal nature of sales, with very high peaks of activity over short periods of the year; and secondly, a low inventory turnover rate which results in long periods of in-store stocking, reaching several hundred days. As sales of these goods are made late after their delivery date, it is essential to maintain the possibility for sectors characterized by these constraints to contractually provide for longer payment terms, in order to meet the cash flow needs of retailers, particularly very small businesses, and to enable manufacturers to smooth out their production over a full year and thus maintain a stable employment rate.

Emenda 193
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta l-kuntratt jipprevedi approvazzjoni ta' fatturazzjoni mill-awtorità pubblika tax-xiri, l-approvazzjoni meħtieġa għandha titqies li tkun inkisbet

kif suppost jekk, fi żmien 15-il jum wara t-trażmissjoni tad-dokumentazzjoni mitluba, ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni mill-awtorità pubblika tax-xiri.

Or. en

Emenda 194
Geoffroy Didier, Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Madankollu, jistgħu jiġu definiti termini ta' ħlas itwal minn ftehimiet reċiproċi bejn il-partijiet li huma involuti fil-produzzjoni u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti kulturali li jimxu bil-mod, b'ċikli operattivi u rotazzjoni tal-istokk tal-oġġetti uniċi.

Or. en

Emenda 195
Deirdre Clune

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Madankollu, termini ta' ħlas itwal jistgħu jiġu definiti minn ftehimiet reċiproċi bejn il-partijiet li huma involuti fil-produzzjoni u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti kulturali li jimxu bil-mod, b'ċikli operattivi u rotazzjoni tal-istokk tal-oġġetti uniċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Most books, apart from bestsellers, stay on bookshop shelves for 6 to 12 months or even longer before selling. This means that a bookshop's stock rotates (i.e., the entire stock is sold) less frequently than in other retail sectors (on average every 3.43 months) and, therefore, bookshops do not make an immediate profit on the books they stock. If one compares this to the trade in perishable goods, where stock rotation is by nature much quicker, the difference between a slow-moving product (book) and a faster-moving product becomes evident. Payment and invoicing obligations should, therefore, also be differentiated. Book publishers, in turn, rely on a healthy network of booksellers to display the wealth of titles that underpin Europe's cultural diversity and that make book publishing the largest cultural industry in the EU. Longer payment terms also reflect the long-term investments that publishers make on authors, who get paid in advance but might need months or years to become successful, and require the exposure of their books in the highest possible number of outlets.

Emenda 196
Alessandra Basso, Marco Campomenosi, Antonio Maria Rinaldi, Isabella Tovaglieri

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa wkoll mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar il-grupp ta' fatturi li jirċievi d-debitur mill-istess kreditur matul perjodu ta' żmien limitat.

Or. en

Emenda 197
Stelios Kouloglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jistimulaw il-kontroll tal-ħlas billi jiżguraw l-infrastruttura meħtieġa biex tiġi varata fatturazzjoni elettronika għall-intrapriżi kollha.

Or. en

Emenda 198
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-ebda mezz ta' pagament tal-oġġetti jew tas-servizzi ma għandu jintuża biex jinbidel il-perjodu tal-ħlas b'mod indebitu.

Or. fr

Emenda 199
Andreas Schwab, Christian Doleschal, Geoffroy Didier, Barbara Thaler, Marion Walsmann, Lara Comi, Maria da Graça Carvalho

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rifjut ta' ħlas fil-każ ta' oġġetti jew servizzi mhux konformi ma għandhomx jiġu affettwati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċarezza legali fir-rigward tad-drittijiet ta' garanzija nazzjonali eżistenti. Il-kumpaniji jeħtiġilhom ukoll ikomplu jkunu jistgħu jirrifjutaw il-ħlas jekk l-oġġetti jew is-servizzi ordnati jkunu difettużi.

Emenda 200
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Għandu jiġi evitat dewmien relatat mal-ħruġ ta' fatturazzjoni għal xogħlijiet u servizzi f'kuntratti ta' prestazzjoni li jkunu għaddejjin li jinvolvu l-awtoritajiet pubbliċi. Ma għandu jiġi stabbilit l-ebda terminu jew prattika ta' fatturazzjoni li timponi frekwenza ta' fatturazzjoni lil hinn minn perjodu ta' kull xahrejn.

Or. en

Emenda 201
Stéphanie Yon-Courtin, Dita Charanzová, Catharina Rinzema, Morten Løkkegaard, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa wkoll mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar il-grupp ta' fatturi li jirċievi d-debitur mill-istess kreditur matul perjodu ta' żmien limitat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi Stati Membri jipprevedu regoli li jippermettu lill-intrapriżi jiġbru l-fatturi riċevuti fuq perjodu qasir ta' żmien u jħallsuhom fi tranżazzjoni waħda.

Emenda 202
Geoffroy Didier, Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-paragrafu 1 ma japplikax għas-settur tal-kotba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The firm 30-day period provided for in article 3§1 should not apply to the book trade. The 30-day deadline set out in article 3 of the draft regulation jeopardizes the preservation of the diversity of the publishing offer in the book trade. As books are not consumer goods like any other, due to their cultural dimension, some titles require more time on store shelves for customers to discover them, and therefore a longer rotation cycle.In the event of shortened and capped payment terms, the impact on retailers' cash flow, particularly bookshops, would be substantial, which could lead retailers to reduce their purchases from book suppliers (publishing houses).As a result, fewer and shorter-lived works would be displayed on retail shelves, replaced by more easily accessible titles. The result could be an increased concentration of sales on titles by authors with a high profile, and a consequent weakening of cultural diversity.

Emenda 203
Martina Dlabajová, Dita Charanzová

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Perjodi tal-ħlas bejn l-intrapriżi
	1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi, il-perjodu massimu tal-ħlas għandu jkun ta' 30 jum kalendarju li jibda mill-ġurnata li fiha tiġi rċevuta t-talba għall-ħlas mingħand id-debitur, bil-kundizzjoni li l-oġġetti jew is-servizzi jkunu ġew riċevuti mingħand id-debitur. Il-perjodi tal-ħlas jistgħu jiġu estiżi lil hinn mil-limitu ta' 30 jum kalendarju bil-kundizzjoni li jiġi inklużi ġustifikazzjoni suffiċjenti u ftehim reċiproku dwar dan mill-partijiet fil-kuntratt mingħajr ebda ambigwità. Sakemm l-Istati Membri ma jipprevedux perjodu iqsar tal-ħlas għal

prodotti bħal dawn, l-istess perjodu tal-ħlas għandu japplika fuq bażi regolari kif ukoll mhux regolari għall-provvista ta' prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux kif imsemmi fit-tieni inċiż tal-punt (i) tal-Artikolu 3(1)(a), u fit-tieni inċiż tal-punt (ii) tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva (UE) 2019/633.

2. Il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri jistgħu jipprevedu proċeduri ta' aċċettazzjoni jew verifika biss f'każijiet li fihom in-natura speċifika tal-oġġetti jew tas-servizzi teħtiġhom. Jekk dan ikun il-każ, informazzjoni dettaljata dwar il-proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifika, inkluż it-tul tagħha, għandha tiġi inkluża fil-kuntratt.

3. Jekk il-kuntratt jinkludi proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifika, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tul massimu tal-proċedura ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju li jibda mid-data li fiha d-debitur jirċievi l-oġġetti jew is-servizzi, inkluż f'każijiet li fihom dawn l-oġġetti jew is-servizzi jkunu fornuti qabel it-talba għall-ħlas. Il-perjodi ta' verifika jistgħu jaqbżu t-30 jum kalendarju bil-kundizzjoni li fil-kuntratt jiġu ddikjarati biċ-ċar ġustifikazzjoni suffiċjenti u ftehim reċiproku mill-partijiet mingħajr ebda ambigwità. Il-proċedura għall-aċċettazzjoni jew il-verifika għandha tinbeda mid-debitur immedjatament wara li jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi li huma l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali. Il-perjodu massimu tal-ħlas għandu jkun ta' 30 jum kalendarju li jibda mid-data li tkun saret tali proċedura, bl-eċċezzjoni ta' termini differenti miftiehma skont il-paragrafu 1.

4. Il-perjodu tal-ħlas kif stabbilit fil-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe perjodu iqsar previst mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 204
Tom Vandenkendelaere

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Perjodi tal-ħlas bejn l-intrapriżi
	***1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, dment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Jekk ikun iġġustifikat u miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt f'termini ċari u mhux ambigwi, il-perjodi tal-ħlas jistgħu jaqbżu t-30 jum kalendarju. Din l-estensjoni tista' ma tirrappreżentax prattika inġusta. Dan il-perjodu għandu japplika għat-tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi. L-istess perjodu tal-ħlas għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jitħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633, sakemm l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.**
	2. Proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika tista' tkun prevista fil-liġi nazzjonali biss meta meħtieġ minħabba n-natura speċifika tal-oġġetti jew tas-servizzi. F'dak il-każ, il-kuntratt għandu jiddeskrivi d-dettalji tal-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika, inkluż it-tul tagħha.
	3. Meta l-kuntratt jipprevedi proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tul

massimu ta' dik il-proċedura ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju mid-data tal-wasla tal-oġġetti jew tas-servizzi mingħand id-debitur, anke jekk dawk il-oġġetti jew is-servizzi jkunu ngħataw qabel il-ħruġ tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas. Jekk ikun iġġustifikat u miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt f'termini ċari u mhux ambigwi, il-perjodi ta' verifika jistgħu jaqbżu t-30 jum kalendarju. Din l-estensjoni tista' ma tirrappreżentax prattika inġusta. Id-debitur għandu jibda l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali. Il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju wara li tkun saret tali proċedura, bl-eċċezzjoni ta' termini differenti miftiehma skont l-Artikolu 4(1).

4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa l-perjodu massimu tal-ħlas u huwa mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar li jista' jkun previst fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 205
Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Perjodi tal-ħlas fi tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi
	1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti

għall-ħlas mingħand id-debitur, dment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. Jekk oġġettivament iġġustifikat u miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt f'termini ċari u mhux ambigwi, il-perjodi tal-ħlas jistgħu jaqbżu t-30 jum. Din l-estensjoni tista' ma tirrappreżentax prattika inġusta.

2. Proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika tista' tkun prevista fil-liġi nazzjonali. F'dak il-każ, il-kuntratt għandu jiddeskrivi d-dettalji tal-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika, inkluż it-tul tagħha.

3. Meta l-kuntratt jipprevedi proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifika, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tul massimu ta' dik il-proċedura ma għandux jaqbeż it-30 jum mid-data li fiha d-debitur jirċievi l-oġġetti jew is-servizzi, sakemm ma jkunx oġġettivament iġġustifikat u miftiehem bejn id-debitur il-partijiet fil-kuntratt f'termini ċari u mhux ambigwi.

4. Il-perjodu tal-ħlas stabbilit fil-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal perjodu iqsar li jista' jkun previst fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 206
Andreas Schwab, Christian Doleschal, Geoffroy Didier, Barbara Thaler, Marion Walsmann, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Ħlasijiet lis-sottokuntratturi fl-akkwist pubbliku	
1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE,	

2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza tista' tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.

2. Meta l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ma tkunx irċeviet l-evidenza kif previst fil-paragrafu 1 jew ikollha informazzjoni dwar ħlasijiet tard mill-kuntrattur ewlieni lis-sottokuntratturi diretti tiegħu, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tinnotifika lill-awtorità tal-infurzar tal-Istat Membru tagħha dwar dan mingħajr dewmien.

---

[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-liġi dwar l-akkwist pubbliku għandha tiġi ttrattata esklużivament mid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE. Il-frammentazzjoni tal-liġi tal-akkwist pubbliku permezz ta' diversi dispożizzjonijiet f'atti legali differenti għandha tiġi rifjutata b'mod strett.

Emenda 207
Svenja Hahn, Nicola Beer, Andreas Glück, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen,

Catharina Rinzema

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Ħlasijiet lis-sottokuntratturi fl-akkwist pubbliku	
1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza tista' tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.	
2. Meta l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ma tkunx irċeviet l-evidenza kif previst fil-paragrafu 1 jew ikollha informazzjoni dwar ħlasijiet tard mill-kuntrattur ewlieni lis-sottokuntratturi diretti tiegħu, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tinnotifika lill-awtorità tal-infurzar tal-Istat Membru tagħha dwar dan mingħajr dewmien.	

[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda

d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandha tiġi introdotta l-ebda regola speċjali addizzjonali ta' piż għas-settur tal-kostruzzjoni li diġà huwa rregolat ħafna. L-artikolu propost ma huwiex adegwat għall-iskop peress li ma jirriflettix ir-realtà tar-relazzjonijiet tax-xogħlijiet pubbliċi.

Emenda 208
Antonius Manders

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Ħlasijiet lis-sottokuntratturi fl-akkwist pubbliku	
1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza tista' tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.	
2. Meta l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ma tkunx irċeviet l-evidenza kif previst fil-paragrafu 1 jew ikollha informazzjoni dwar ħlasijiet tard mill-kuntrattur ewlieni lis-sottokuntratturi diretti tiegħu, l-awtorità kontraenti jew l-	

entità kontraenti għandha tinnotifika lill-awtorità tal-infurzar tal-Istat Membru tagħha dwar dan mingħajr dewmien.

---

[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kwistjoni tal-akkwist pubbliku jeħtieġ li tiġi ttrattata separatament minn dan ir-Regolament dwar il-Ħlas Tard.

Emenda 209
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza ***tista'*** tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard	1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi ***stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament*** u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza ***għandha*** tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur***, li tinkludi dokument uffiċjali li jiddikjara d-data tal-wasla tal-***

flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.	***ħlas mis-sottokuntrattur*** u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas ***lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti***.
[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.	[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.

Or. en

Emenda 210
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza ***tista'*** tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.	(1) Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza ***għandha*** tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur ***akkumpanjata minn prova dokumentata valida tal-ħlas*** u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas. ***L-Istati Membri jistgħu***

	jipprovdu li l-awtoritajiet pubbliċi jħallsu lis-sottokuntratturi direttament fil-każ ta' kuntratti pubbliċi.
[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.	[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.

Or. ro

Emenda 211
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza tista' tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.	1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza tista' tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas. ***L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet pubbliċi jħallsu direttament lis-sottokuntratturi fil-kuntest tal-akkwist pubbliku.***

[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE.

[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE.

Or. fr

Emenda 212
Róża Thun und Hohenstein

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza tista' tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.	1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt***, għall-kompiti li s-sottokuntratturi diretti jkunu wettqu skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jew tal-offerti,*** sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza tista' tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba ***sussegwenti*** għall-ħlas.

[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament

[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.	Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.

Or. en

Emenda 213
Laura Ballarín Cereza, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li***, meta applikabbli,*** dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi ***u bil-kundizzjonijiet*** stabbiliti ***f'dan*** ir-Regolament. L-evidenza ***tista'*** tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub ***mill-kuntrattur*** u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.	1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE[56] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi stabbiliti ***fl-Artikolu 3 ta' dan*** ir-Regolament. L-evidenza ***għandha*** tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub***, li se tinkludi ċertifikat li jiddikjara d-data tal-wasla tal-ħlas mis-sottokuntrattur*** u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.
[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi	[56] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi

2004/17/KE u 2004/18/KE. 2004/17/KE u 2004/18/KE.

Or. en

Emenda 214
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jiżguraw li, għall-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi skont l-ewwel paragrafu, l-awtoritajiet kontraenti jinkludu fis-sejħa għall-offerti kriterju ta' nuqqas ta' mertu għas-sitt intrapriżi soġġetti għal miżuri skont l-Artikolu 14, paragrafu 1, subparagrafu d, li għadhom ma ġewx ikkontestati fit-termini previsti mil-liġi jew li ġew ikkonfermati fl-appell ġudizzjarju jew amministrattiv. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jiggarantixxu l-aċċess għall-bażijiet tad-data tagħhom lill-awtoritajiet kontraenti.

Or. it

Emenda 215
Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jiżguraw li, għall-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi skont l-ewwel paragrafu, l-awtoritajiet kontraenti jinkludu fis-sejħa għall-offerti kriterju ta' nuqqas ta' mertu għas-sitt intrapriżi soġġetti għal miżuri skont l-Artikolu 14, paragrafu 1, subparagrafu d, li għadhom ma ġewx ikkontestati fit-termini previsti mil-liġi jew li ġew ikkonfermati fl-appell

ġudizzjarju jew amministrattiv. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jiggarantixxu l-aċċess għall-bażijiet tad-data tagħhom lill-awtoritajiet kontraenti.

Or. it

Emenda 216
Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li intrapriża li tkun kreditur skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-paragrafu 9, ta' dan ir-regolament tkun tista' titlob lill-awtorità kontraenti li ma tkunx ħallset l-ammont dovut fil-perjodu tal-ħlas stabbilit skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, li tagħti dan l-ammont dovut lill-intrapriża bi tnaqqis ta' ammont ekwivalenti dovut mill-intrapriża lill-awtoritajiet pubbliċi għal raġunijiet oħrajn.

Or. fr

Emenda 217
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kontraenti jinkludu fl-avviż tal-kuntratt kriterju ta' nuqqas ta' merti għall-intrapriżi li lilhom il-miżuri msemmija fl-Artikolu 14(1)(d) ikunu ġew

indirizzati u li ma jkunux ġew ikkontestati fil-limiti ta' żmien stipulati mil-leġiżlazzjoni rilevanti jew ikkonfermati minn rieżami ġudizzjarja jew amministrattiva.

Or. en

Emenda 218
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Fejn entità kontraenti tonqos ripetutament li tonora l-iskadenzi tal-ħlas fir-rigward tas-sottokuntratturi, għandha tiġi eskluża milli tipparteċipa fi kwalunkwe proċedura ġdida ta' akkwist pubbliku.

Or. ro

Emenda 219
Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-kreditur, li jistgħu jkunu previsti fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 220
Claude Gruffat, Malte Gallée
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE u 2009/81/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li intrapriża li hija kreditur skont it-tifsira tal-Artikolu 2(9) tkun tista' tikseb, fuq talba lill-awtorità kontraenti li ma tkunx ħallset l-ammont dovut fil-perjodu massimu ta' ħlas stabbilit fl-Artikolu 3(1), it-tpaċija tal-ammont dovut ma' kwalunkwe ammont pendenti li l-kreditur ikollu jħallas lill-istess awtorità pubblika.

Or. en

Emenda 221
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu d-dritt li jagħmlu tajjeb għall-obbligazzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali kontra kwalunkwe ammont pendenti dovut lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) minħabba ħlasijiet tard mill-awtoritajiet pubbliċi fir-rigward ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku. L-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-SMEs milli jħallsu kwalunkwe taxxa, inkluż fuq xogħlijiet imwettqa jew servizzi mogħtija, sakemm jirċievu tali ħlas.

Or. ro

Emenda 222
Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Kumpens b'obbligazzjonijiet dovuti lil awtorità pubblika
	Għall-kuntratti pubbliċi tax-xogħlijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri jiżguraw li l-intrapriża li tiddefinixxi ruħha bħala kreditur skont l-Artikolu 2, Nru 9, ta' dan ir-Regolament, tista' titlob lill-awtorità kontraenti li ma tkunx ħallset l-ammont dovut sal-iskadenza skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-kumpens bejn l-ammont dovut u l-obbligazzjonijiet li amministrazzjoni pubblika għandha fi kwalunkwe kapaċità fil-konfront tal-kreditur innifsu.

Or. it

Emenda 223
Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Kumpens b'obbligi dovuti lil awtorità pubblika
	Għall-kuntratti pubbliċi tax-xogħlijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri

jiżguraw li l-intrapriża li tiddefinixxi ruħha bħala kreditur skont l-Artikolu 2, Nru 9, ta' dan ir-Regolament, tista' titlob lill-awtorità kontraenti li ma tkunx ħallset l-ammont dovut sal-iskadenza skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-kumpens bejn l-ammont dovut u l-obbligazzjonijiet li amministrazzjoni pubblika għandha fi kwalunkwe kapaċità fil-konfront tal-kreditur innifsu.

Or. it